# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 94/1999/1 BS**

**Theresa u Consilja xebbiet aħwa Buttigieg; u Joseph Buttigieg; u b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2016 il-ġudizzju gie trasfuz ghal fuq Michelle Attard minflok Theresa Buttigieg stante l-mewt taghha fil-mori tal-kawza**

**-vs-**

**Carmela armla ta' Giovanni Buttigieg; Ġanni Buttigieg; Rita xebba Buttigieg; Grezzja mart Joseph Cini; Pawla mart George Vella; Francesco Buttigieg; Joseph Buttigieg; Lucia mart Anthony Mifsud; u Carmela Buttigieg b'digriet tal-25 ta' Mejju 1999 ġiet nominata kuratur deputat sabiex jirrapreżentaw lill-imsiefrin Giacinta Brincat, Anthony, Maria xebba, aħwa Buttigieg u Salvina Xuereb**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] li ppremettew:**

Peress illi l-atturi huma propretarji ta' porzjoni raba' msejħa "Ta' Ġebel Wieqaf", li qiegħda fil-limiti tal-Qala, Għawdex tal-kejl ta' ċirka elf u tlett mitt metri kwadri (1,300m.k.) u konfinanti mill-lvant ma' Nadur Road, punent ma' beni ta' Lorenzo Portelli jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu u tramuntana ma' beni ta' Nazzareno Buttigieg, minnhom akwistata in forza ta' kuntratt tad-dsatax (19) ta' Lulju 1960 (atti Nutar Alexander Sciberras Trigona), hawn anness u markat bħala Dokument "A";

Peress illi l-konvenuti huma propretarji ta' kamra bin-numru tlieta u ħamsin (53), Nadur Road, Qala, Għawdex akkwistata in forza ta' kuntratt tal-erbatax (14) ta' Dicembru 1949, hawn anness u markat bħala Dokument "B" , kif ukoll tal-fond ossija lok tad-djar fin-numri wieħed u ħamsin u tnejn u ħamsin (51 u 52), Triq Nadur, Għawdex, liema fond kien ġie liberat a favur ta' Giovanni Buttigieg, li kien jiġi r-raġel tal-konvenuta, Carmela Buttigieg u missier il-konvenuti l-oħra liema inskrizzjoni kienet saret fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza tagħha Superjuri , u ġġib id-data tas-sebgħa (7) ta' Ottubru elf disa mija u disgħa u erbgħin (1949), u li kopja tagħha hija hawn annessa u markata bħala Dokument"C";

Peress illi l-konvenuti jew min minnhom mingħajr l-ebda dritt u kontra l-volontà tal-atturi qabdu u fetħu żewġ twieqi għal fuq il-proprjetà tal-atturi hawn fuq imsemmija, kif ukoll tefgħu ħatab u zkuk u materjal ieħor fl-istess porzjoni raba' hawn fuq imsemmija, li hija porprjetà tal-atturi u kif indikat fl-istess pjanta u site-plan hawn annessi u markati bħala Dokument "D";

Peress illi l-konvenuti għalkemm interpellati uffiċjalment sabiex jagħlqu l-istess żewġ twieqi kif ukoll sabiex ineħħu l-istess ħatab u zkuk mill-proprjetà tal-atturi, dawna baqgħu inadempjenti.

**Talbu għalhekk lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:**

[1] Fol 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 sa 15, inkluz pjanta a fol 12 u ritratti a fol 13, 14 u 15.

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti ma kellhom l-ebda dritt li jiftħu ż-żewġ twieqi hawn fuq imsemmija għal fuq il-proprjetà tal-atturi, kif ukoll illi jpoġġu ħatab, zkuk u materjal ieħor fl-istess proprjetà tal-atturi;

2. Tikkundana, għalhekk lill-istess konvenuti jew lill min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jagħlqu b'mod permanenti l-istess żewġ aperturi hawn fuq imsemmija, kif ukoll li jneħħu l-istess zkuk, ħatab u materjal ieħor mill-proprjetà tal-atturi hawn fuq deskritta;

3. Tawtorizza lill-istess atturi, f'każ li l-istess żmien jgħaddi inutilment, li jagħlqu huma permanentament l-istess żewġ aperturi hawn fuq imsemmija, kif ukoll li jneħħu huma l-istess ħatab, zkuk u materjal ieħor min fuq il-proprjetà tagħhom u dana għas-spejjeż tal-istess konvenuti jew ta' min minnhom u, okkorrendo, taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett li għandu jiġi nominat għal istess fini.

Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju 1999 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha min issa huma mħarrka. B'riżerva ukoll għal tal-azzjoni għad-danni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] li wieġbu:**

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-jedd u fil-fatt u għalhekk ghandhom jiġu miċħuda;

2. Illi għar-rigward tal-ħatab, hemm il-karenza ta' interess ġuridiku billi dan il-ħatab tneħħa diversi ġimgħat ilu u l-art fejn dan kien jinżamm tifforma parti minn triq pubblika;

3. Illi fi kwalunkwe każ l-atturi jridu jipprovaw id-drittijiet tagħhom dwar l-art fejn kien jinżamm il-ħatab;

4. Ili għal dak li jirrigwarda t-talba dwar it-twieqi l-atturi għandhom jipprovaw li huma l-proprjetarji tal-art li fuqha jħarsu l-istess twieqi;

[2] Fol 27 sa 29.

5. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju l-istess twieqi ilhom miftuħa għal iktar minn ħamsin sena kif jixhed l-istat tal-istess proprjetajiet;

6. Illi għalhekk anki kieku kellhom xi jedd dwar l-istess spazju llum dan iddekada a favur tal-esponenti in kwantu hemm il-preskrizzjoni akwiżittiva.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li f-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2000 gie mahtur l-Assistent Gudizzjarju Dr. Aaron Attard Hili sabiex jisma' il-provi.[3]

**Rat** li fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu, 2001 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, l-atturi talbu l-hatra ta' perit tekniku sabiex jaghmel pjanta dettaljata tal-proprjeta' in kwistjoni.[4]

**Rat** li din il-Qorti kif diversament presjeduta appuntat lill Perit Edward Scerri bhala perit tekniku sabiex jesplicita l-inkarigu mitlub.[5]

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata nhar it-12 ta' Settembru, 2002.[6]

**Rat** li fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2004 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, il-partijiet ghamlu referenza ghar-relazzjoni tal-perit tekniku u talbu li l-process jigi rimess lill-istess perit sabiex jirrelata b'mod aktar car dwar il-kwistjonijiet ta' din il-vertenza.[7]

**Rat** li din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li l-process jigi rimess lill-perit tekniku ghall-iskop indikat.[8]

**Rat** ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku.[9]

---

[3] Verbal a fol 31.
[4] Verbal a fol 77.
[5] Digriet a fol 78.
[6] Relazzjoni a fol 117 sa 137.
[7] Verbal a fol 214.
[8] Digriet a fol 215.
[9] Relazzjoni addizzjonali a fol 245 sa 246.

**Rat** ir-rikors tal-atturi tat-13 ta' Ottubru, 2006 fejn talbu li l-process jerga jigi rimess lill-perit tekniku sabiex fuq il-pjanta ezebita minnu jimmarka l-proprjetajiet numru, 5, 51/52, u 53 Triq in-Nadur, Qala kif ukoll l-mandra annessa mal-proprjeta' numru 5 maghrufa bhala "Ta' Gebel Wieqaf" li kienet giet akkwistata in forza tal-kuntratt tad-19 ta' Lulju, 1960 in atti Nutar Alexander Sciberras Trigona. Talbu wkoll sabiex il-perit tekniku jindika t-twieqi kif ukoll iz-zkuk u materjal mertu tal-kawza.[10]

**Rat** li din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li l-process jigi rimess lill-perit tekniku ghall-iskop indikat.[11]

**Rat** it-traskrizzjoni tal-access mizmum nhar it-8 ta' Ottubru, 2008.[12]

**Rat** li fis-17 ta' Gunju, 2008 mietet il-konvenuta Carmela Buttigieg[13] bl-atti gew trasfuzi f'isem uliedha, il-kumplament tal-konvenuti l-ohra.[14]

**Rat** in-nota tal-atturi b'diversi kuntratti u atti gudizzjarji kif ukoll pjanta u ritratt annessi maghha.[15]

**Rat** li fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Marzu, 2011 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, id-difensur tal-atturi ddikjara l-provi atturi maghluqha ghajr ghal xhud wiehed, rapprezentant tal-Awtorita' tar-Rizorsi u li nsista sabiex il-perit tekniku jkompli b'dak mitlub minnu, ossia; li jirrelata wkoll dwar il-pozizzjoni tal-aperturi in mertu.[16]

**Rat** li fit-12 ta' Frar, 2014 il-konvenuti ntavolaw rikors fejn talbu sabiex jigi estiz l-inkarigu tal-perit tekniku[17] liema talba giet opposta mill-atturi.[18]

---

[10] Rikors a fol 254 sa 255.
[11] Verbal a fol 256.
[12] Traskrizzjoni fil-Volum II tal-process, mhux paginata. Ref ukoll; verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2008 a fol 345.
[13] Ref. rikors tal-konvenuti a fol 350, certifikat tal-mewt a fol 352, testment u ricerki testamentarji a fol 364 sa 370.
[14] Digriet ta' trasfuzjoni tal-24 ta' Frar, 2009 a fol 350.
[15] Nota a fol 386 b'dokumenti a fol 387 sa 481.
[16] Verbal a fol 602.
[17] Rikors a fol 784 sa 785.
[18] Risposta a fol 796 sa 797.

**Rat** li l-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li jsir access ulterjuri fil-prezenza tal-perit tekniku abiex isiru l-kostatazzjonijiet mehtiega b'dan li awtorizzat lill-perit jirrelata verbalment f'udjenza.[19]

**Rat** it-traskrizzjoni ta' access ulterjuri mizmum fil-25 ta' Gunju, 2014.[20]

**Rat** li fit-3 ta' Mejju, 2016 mietet l-attrici Theresa Buttigieg[21] bl-atti gew trasfuzi f'isem in-neputija taghha Michelle Attard.[22]

**Rat** ir-rikors tat-22 ta' Dicembru, 2020 ta' Horace u Raymond ahwa Buttigieg, ulied l-attur Joseph Buttigieg li miet fil-mori tal-proceduri, fejn talbu li jigu estromessi mill-proceduri stante li d-drittijiet litigjuzi gew assenjati lill Michelle Attard bhala aventi kawza tad-defunta attrici Theresa Buttigieg.[23]

**Rat** li sar access iehor mil-Qorti kif presjeduta nhar id-9 ta' Marzu, 2022. Prezenti ghall-access kien hemm il-partijiet atturi u l-konvenut Joseph Buttigieg assistiti mid-difensuri taghhom.[24]

**Rat** li waqt l-access tad-9 ta' Marzu, 2022 il-partijiet qablu li l-kawza tigi differita ghal-prezentata tan-noti u l-kawza giet differita ghal dan il-ghan u ghat-28 ta' Ottubru, 2022 ghas-sentenza.

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

**Rat** li fit-28 ta' Ottubru, 2022 il-kawza baqghet differita ghal-24 ta' Frar, 2023 ghas-sentenza.[25]

**Rat** id-digriet tal-25 ta' Jannar, 2023 permezz ta' liema, wara li ghamlet referenza ghal-rikors tat-22 ta' Dicembru, 2020,[26] ghal-verbal tas-seduta

---

[19] Verbal a fol 799.
[20] Traskrizzjoni a fol 801 sa 806.
[21] Ref. rikors tal-atturi a fol 877, certifikat tal-mewt a fol 878, ricerki testamentarji a fol 879 sa 881, u tetsment a fol 882.
[22] Digriet ta' trafuzzjoni a fol 883.
[23] Rikors a fol 980 sa 981 b'dokument a fol 982.
[24] Verbal tal-access mhux paginat.
[25] Verbal a fol 1140.
[26] Rikors a fol 980 sa 981 maghmul minn Horace u Raymond ahwa Buttigieg, ulied il-mejjet Joseph Buttigieg – wiehed mill-atturi originali fil-kawza odjerna – fejn stante ftehim ta' divizzjoni fejn gew anke assenjati drittijiet litigjuzi – ftehim tal-14 ta' Jannar, 2013 in atti Nutar Annamaria Mizzi – talbu li jigu estromessi minn din il-kawza favur ir-rikorrenti Michelle Attard bhala l-werrieta ta' Teresa Buttigieg u r-rikorrenti Consolata sive Consiglia Buttigieg.

tat-23 ta' Frar, 2021,[27] ghar-risposta tal-konvenuti li tinsab sfuza fl-atti, ghar-risposta ta' Consiglia Buttigieg tal-5 ta' Marzu, 2021,[28] kif ukoll ghar-risposta ta' Michelle Attard tal-10 ta' Marzu, 2021;[29] issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-seduta tat-8 ta' Frar, 2023.[30]

**Rat** li b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2023 il-Qorti laqghet ir-rikors tat-22 ta' Dicembru, 2020 maghmul minn Horace u Raymond ahwa Buttigieg bil-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.[31]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Theresa Buttigieg**, attrici, xehdet[32] li missiera Michele sive Mikieli Buttigieg akkwista l-porzjon raba' "Ta' Gebel Wieqaf" fil-limit tal-Qala li bil-kuntratt ta' akkwist a fol 5 sa 8 tal-process. Izzid li dina kienet diga ghand familtu – missieru Salvatore sive Salvu Buttigieg – qabel u b'titolu ta' cens temporanju li ghaddha ghand Salvu Buttigieg in forza ta' kuntratt ta' divizjoni tad-9 ta' Jannar, 1954 b'misisera xtraha wara li ghalaq ic-cens. Tezebixxi kopja tal-kuntratt tad-9 ta' Jannar, 1954 a fol 35 sa 58 tal-process. Taghraf ir-raba' kif delinjata bl-ahmar fuq il-pjanta a fol 12 tal-process. Izzid li l-istess raba' hija denunzjata fid-denunzja ta' missiera li miet fl-14 ta' Lulju, 1968. Tispjega li fid-denunzja tidher bhala 'Item 3'. Tezebixxi kopja tad-denunzja a fol 59 sa 61 tal-process.

Tezebixxi wkoll pjanta li turi r-raba' in mertu – a fol 62 tal-process.

---

27 Verbal a fol 986 fejn Michelle Attard u Consiglia Buttigieg qablu dwar hlas li kellu jsir minnhom lill-Perit Edward Scerri liema hlas kien originarjament isejjah lill Joseph Buttigieg stante l-assenjazzjoni tad-drittijiet litigjuzi lilhom.
28 Risposta a fol 989 fejn Consiglia Buttigieg irrimettiet ruhha ghat-talbiet tal-ahwa Horace u Raymond Buttigieg.
29 Risposta a fol 990 fejn Michelle Attard irrimittiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.
30 Digriet a fol 1141
31 Digriet a fol 1155.
32 Fol 66 sa 67.

**In kontinwazzjoni,** xehdet[33] li z-zewg twieqi mertu tal-kawza nfethu fuq il-passagg. Murija zewg ritratti in atti – a fol 13 u 14 tal-process – rigward wahda minnhom tghid li ndunaw biha meta mil-Kunsill marru u qatghu xi bajtar. Izzid li din rawha l-ewwel darba xi hames snin qabel – allura fl-1995 stante li x-xhieda hija tal-2000.

Rigward it-tieqa l-ohra tghid li din kienet inghalqet min-nanna taghha, Grezzja Mizzi, qabel din bieghet il-kamra lill Angelo Buttigieg li mbaghad halla l-kamra lill-Knisja bill-konvenuti xtraw minghand il-Knisja. Izzid li t-tieqa regghu fethuha l-konvenuti izda ma' tafx meta.

Rigward il-hatab tghid li dan jitnehha u jerga jitpogga. Tispjega li jitpogga fuq hajt, spiera, u gol-passagg. Tispjega li l-passagg jaghti minn Triq in-Nadur ghal gol-mandra taghhom. Tghid li meta fittxet lill-konvenuti dwar dan huma allegaw li hemm taghhom. Izzid li l-konvenuti m'ghandhom xejn mil-passagg ghaliex il-kamra biss xtraw. Tghid li l-bieb tal-kamra li xtraw il-konvenuti qieghed ghal Triq in-Nadur b'din m'ghandha ebda bieb iehor.

Tezebixxi ritratti a fol 165 u 166.

**Ulterjorment, u permezz ta' affidavit**,[34] xehdet li huma proprjetarji tar-raba' msejha "Ta' Gebel Wieqaf" fil-limit tal-Qala tal-kejl ta' cirka 1,300 metru kwadru. Izzid li din kienet giet akkwistata b'kuntratt tad-19 ta' Lulju, 1960 in atti Nutar Alexander Sciberras Trigona wara li qabel kienet f'idejn familjari b'cens. Izzid li din tmiss mad-dar ta' abitazzjoni taghhom ossia, id-dar numru 5, Triq in-Nadur, il-Qala.

Izzid li l-konvenuti huma proprjetarji tal-kamra numru 53 fi Triq in-Nadur, il-Qala, liema kamra akkwistaw b'kuntratt tal-14 ta' Dicembru, 1949 in atti Nutar Francesco Refalo b'dawn akkwistaw *a room situated at Qala, Gozo, number fiftythree (53)*. Izzid li ghalhekk il-konvenuti ghandhom biss il-kamra tant li anke biex jitilghu fuq il-bejt ta' din il-kamra juzaw sellum.

Titkellem dwar ritratt li juri l-uzu tas-sellum.

[33] Fol 151 sa 159.
[34] Affidavit a fol 190 sa 192.

Izzid li l-passagg li juzaw huma sabiex jaslu fil-mandra taghhom kien ghamlu missiera fuq l-art taghhom stess. Tghid li dan il-passagg gie kkaparrat mil-konvenuti l-ewwel billi bdew ipoggu l-hatab fih u, aktar recentement, billi ghalquh bil-gebel.

Rigward it-twieqi tghid li dawn huma miftuhin ghal fuq ir-raba' taghhom. Izzid li ilhom hekk miftuha mill-1981 – bl-affidavit huwa mahluf nhar is-16 ta' Frar, 2004. Izzid li wahda minnhom – li taghti ghal-passagg – kienet maghluqa bil-gebel minn gewwa u hadid minn barra, b'dan li l-konvenuti qabdu u fethuha, l-ewwel bicca mbaghad fl-intier taghha, b'dan li ghattewha bil-hatab biex ma' tidhirx. Tghid li l-ohra qiegdha fuq in-naha ta' wara u ma' tidhirx jekk ma' tidholx gol-bajtar. Tghid li din hija aktar forma ta' rewwieha.

Titkellem dwar ritratti li juru dawn l-aperturi.

Izzid li l-buznanniet taghha, Salvu u Grazja Buttigieg, kienu gieghlu lill Anglu Buttigieg jaghlaq l-aperturi u anke bnew hajt quddiem wahda minnhom sabiex tinghalaq zgur.  Tghid li l-konvenuti qabdu u hattew minn dan il-hajt sabiex infethet it-tieqa. Titkellem dwar ritratti li juru dan.

Tikkonkludi li l-konvenuti m'ghandhomx dritt ihallu dawn l-aperturi jaghtu ghal gol proprjeta' taghhom.

Aktar tard, u b'nota[35] tal-11 ta' Mejju, 2004, tipprezenta pjanta u ritratt kif imsemmija fl-affidavit taghha. Tezebixxi ritratti addizzjonali – a fol 197, 198 u 199 tal-process fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2004.[36]

**Raymond Buttigieg**, iben l-attur Joseph Buttigieg, xehed[37] li r-raba' "Ta' Gebel Wieqaf" ilu midhla tieghu mindu kellu 10 snin b'dan li llum ghandu 44 sena.

Muri l-pjanta a fol 12 tal-process, jikkonferma li hemm tidher ir-raba' in kwistjoni mmarkata bl-ahmar. Jghid li din ir-raba' hija ta' l-atturi.

---

[35] Nota a fol 194 bi pjanta a fol 195 u ritratt a fol 196.
[36] Verbal a fol 200.
[37] Fol 204 sa 213.

Jikkonferma li l-kamra numru 53 hija l-forn. Jikkonferma wkoll li fiha nfethet tieqa. Jikkonferma wkoll li fejnha hemm xi hatab.

Jispjega li t-tieqa li nfethet fil-kamra numru 53 kienet maghluqa. Jghid li forma ta' tieqa dejjem kien hemm izda kienet imblukkat bil-gebel minn gewwa u bil-hadid minn barra. Izid li din bdiet tinfetah fl-1981. Jispjega li jiftakar sew id-data tal-1981 ghaliex f'dik is-sena zija tieghu kienet tqila u huwa zzewweg b'dan li ma' jistax jinsa l-annu.

Jispjega li din it-tieqa nfethet gradwalment b'dan li l-ewwel sar ftuh ta' xi 7 pulzieri ghall-arja. Jghid li dan sar minn Ganni Buttigieg, wiehed mil-konvenuti, b'dan li huwa rah jaghmel dan il-ftuh personalment. Jghid li sussegwentement din it-tieqa nfethet ghal kollox bejn l-1984 u l-1986. Jispjega li dan jafu ghaliex huwa siefer fl-1984 meta mit-tieqa maghluqa kien biss jonqos 7 pulzieri b'dan li sabha miftuha ghal kollox meta gie lura mis-safar fl-1986.

Rigward it-tieqa l-ohra jghid li nftehet mil-proprjeta' numru 51/52 b'dan li din qatt ma' kienet hemm fi tfulitu. Izid li din intebhu biha meta gew sabiex jirregistraw l-ispiera fl-1989. Jghid li hemmhekk kien hemm hafna bajtar u zkuk b'dan li ma' setghux jindunaw biha qabel. Muri r-ritratt a fol 14 tal-process jghid li hemmhekk hemm selha fil-hajt izda din qatt ma' kienet tieqa.

Izid li t-tieqa li nghalqet fil-kamra li hija issa forn kienet inghalqet mill-buznanna tieghu Grezzja meta bieghet il-kamra numru 53.

Jghid li fi tfulitu hemmhekk qatt ma' nzamm hatab b'dan li issa qieghed jinzamm hatab fil-proprjeta' taghhom ossia gol-passagg fejn hemm l-ispiera. Jghid li dan beda jsehh fl-1999 meta tal-Kunsill marru naddfu t-triq. Jindika fejn inxtehet il-hatab fuq ir-ritratt numru 24 a fol 128 tal-process. Fl-istess ritratt jgharaf ukoll wahda mit-twieqi mertu tal-kawza li bdiet tinfetah mill-1981 meta nqalghu 7 pulzieri minnha.

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit.[38] Jispjega kif il-proprjetajiet in kwistjoni f'din il-kawza, kemm tal-atturi kif ukoll tal-konvenuti, originarjament kienu tal-antenati tieghu sakemm parti minnhom, ossia

[38] Affidavit a fol 571 sa 575 b'dokumenti a fol 576 sa 584.

dawk enumerati 51 u 52 inbieghu bis-subbasta lill Giovanni Buttigieg, awtur tal-konvenuti.

Jispjega wkoll kif antenata tieghu, Concetta Buttigieg, ghamlet kawza – deciza b'mod finali fl-4 ta' Dicembru, 1952 – sabiex jigu divizi l-assi tal-mejtin genituri taghha, Salvatore u Grazzia Buttigieg. Jispjega li b'din id-divizjoni parti mill-art tal-atturi in mertu kienet haditha l-istess Concetta Buttigieg.

Jghid li l-art fejn hemm l-ispiera fil-passagg messet lill Salvatore Buttigieg. Rigward l-ispiera jispjega li dak li xehed Joseph Buttigieg li kien jara lill Frans Buttigieg itella' l-ilma minnha huwa inveritier stante li sa mil-1952 il-hadida tal-ispiera kienet tnehhiet.

Jispjega li apparti l-ispiera in kwistjoni, kien hemm spiera ohra f'bitha ta' lok li nbena qabel l-1900 u ohra f'parti li kienet giet msaqqfa. Jghid li meta harget il-ligi tar-registrazzjoni tal-ispieri huma – l-atturi – irregistraw l-ispiera mertu tal-kawza li qieghda fir-raba' taghhom li qabel kien tac-cens.

Jispjega li r-raba' tac-cens qabel kien f'idjen Salvatore Buttigieg u warajh f'idejn bintu Concetta Buttigieg biex fl-ahhar spicca kollu kemm hu f'idejn ibnu Mikieli Buttigieg – missier l-atturi u nannuh – ghax akkwista in *nuda proprjeta'* minghand ta' Strickland.

Jannetti kopja tad-dokumenti tar-registrazzjoni tal-ispiera[39] u jghid li kieku din ma' kienitx f'art taghhom huma ma' kienux jirregistrawha fl-1997. Jghid li meta gew biex ikejjlu l-ispiera ghar-registrazzjoni marru huwa, huh Grezzju Buttigieg, u missieru flimkien mal-Perit Carmelo Borg. Jghid li hawnhekk nehhew iz-zkuk sabiex ikunu jistghu ikejjlu. Izid li waqt li kienu jaghmlu hekk tfacca l-konvenut Joseph Buttigieg – iben il-konvenuta Carmela Buttigieg – b'dan li missieru rrabbja mieghu u huwa telaq minghajr ma' tkellem xejn.

Jerga jghid li fis-7 ta' Ottubru, 1949 Giovanni Buttigieg, ir-ragel defunt tal-konvenuta Carmela Buttigieg, xtara bis-subbasta il-fondi numru 51 u 52, Triq in-Nadur, il-Qala b'dan li aktar tard, b'kuntratt tal-14 ta' Dicembru, 1949 in atti Nutar Francesco Refalo, xtara *a room situate at Qala, Gozo,*

[39] Dokumenti a fol 580 sa 584.

*Nadur Road marked number 53*. Zid li din kienet qabel tappartjeni lill Angelo Buttigieg li b'testment halliha lill-Knisja li mbaghad bieghet.

Jghid li l-konvenuti jippretendu l-ispazju li hemm fih l-ispiera ma' jaghmilx parti mir-raba' tac-cens izda huwa taghhom ghaliex akkwistawh mal-kamra numru 53. Izid li huwa jsostni li l-kuntratt ta' akkwist huwa car li huma akkwistaw biss il-kamra tant li din il-kamra anqas ghandha access ghal dak l-ispazju. Jghid li l-istess kuntratt anqas ma' jsemmi li l-kamra numru 53 tgawdi xi servitu' ta' dawl minn xi tieqa.

Jghid li meta nbniet din il-kamra kienu saru zewg aperturi fiha, wahda ghal fuq l-ispiera u l-ohra ghal fuq ir-raba'. Izid li l-buznannu tieghu kien bena kamra b'hajt quddiem tieqa minnhom sabiex din tigi mblukkata. Izid li t-tieqa l-ohra li thares lejn l-ispiera kienet inghalqet fuq ordni tal-buznannu tieghu minn missier Angelo Buttigieg. Jghid li dan kien ghalaqha bil-gebel minn naha ta' gewwa b'dan li minn barra kien halla tidher forma ta' tieqa u halla wkoll il-hadid.

Izid li kien biss bejn l-1981 u l-1983 li Ganni Buttigieg, iben il-konvenuta Carmela Buttigieg, qala bicca zghira minn din it-tieqa li taghti lejn l-ispiera b'dan li huwa rah u mar qal b'dan lill nanntu. Jindika li l-gebel li nqalghu sabiex infethet din it-tieqa jidhru fir-ritratti a fol 13 u 128 tal-process.

Jghid li fil-bidu l-konvenuti hbew il-fatt li fethu t-tieqa billi poggew il-hatab quddiemha. Izid li hawn ma' kellimhom hadd u ghalhekk baqaw jikkapparraw billi anke mlew l-ispazju fejn l-ispiera bil-hatab.

Izid li fis-7 ta' Mejju, 1999 intbaghtet ittra ufficjali fejn il-konvenuti ntalbu jghalqu l-aperturi u jnehhu l-hatab mill-ispazju fejn l-ispiera li huwa proprjeta' tal-atturi. Jannetti kopja tal-ittra.[40]

Jaghlaq billi jghid li finalment, fid-19 ta' Lulju, 1960 ir-raba' tac-cens, inkluz is-sehem li kellha minnu Concetta Buttigieg, gie kollu ghand nannuh Mikieli Buttigieg permezz tal-kuntratt in atti Nutar Alexander Sciberras Trigona b'dan li l-istess kuntratt jiddeskrivi l-irjihat inkluz billi jghid li l-art hija konfinanti *on the east side by Nadur Road* b'din tigi l-parti fejn hemm l-ispiera.

[40] Kopja tal-ittra a fol 576 sa 578.

Jghid li jannetti *siteplan* li juri l-proprjetajiet kollu li jsemmi liema *siteplan* pero' ma' nsatbitx mal-affidavit.[41]

**Joseph Buttigieg**, attur, xehed[42] billi kkonferma x-xhieda moghtija minn ohtu, ukoll attrici, Theresa Buttigieg, inkluz dik moghtija bl-affidavit taghha.

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit[43] li bih jikkonferma dak kollu dikjarat fl-affidavit ta' ibnu Raymond Buttigieg.

Izid izda li missieru kien jghaddi mill-ispazzju fejn hemm l-ispiera sabiex jaghlef il-hnizer li kellu f'kamra zghira wara.

Izid ukoll li jiftakar incident fejn il-konvenuta Carmela Buttgieg, li tigi omm il-konvenuti l-ohra, tellghet xi ilma minn din l-ispiera b'dan li l-antenati tieghu marru ghalija u anke spiccaw fl-idejn ghax haditilhom l-ilma mill-ispiera taghhom. Jghid li huwa kien mar gab lir-ragel tal-konvenuta Carmela Buttigieg sabiex dan ferraqhom.

**Consilja Buttigieg**, attrici, xehdet[44] li xehdet ohta.

**In kontro-ezami**,[45] xehdet li r-raba' nxtara minnhom fl-1960. Tghid li hija kienet tmur tahdem dan ir-raba'. Mistoqsija x'kien hemm bejn ir-raba' u fejn hemm l-ispiera tispjega li hemm dejjem kien miftuh. Izzid li zitha Concetta kellha bicca mbaghad missiera Mikieli xtara kollox minghand Strickland.

Tghid li hija ghandha 64 sena u hemm dejjem taghhom kien, inkluz l-ispiera.

Mistoqsija jekk l-ispiera hijiex imsemmija fil-kuntratt tghid li ma tafx. Izzid izda li dak iz-zmien ma' kienux isemmu l-ispejjer.

41 Tezisti izda siteplan dettaljata a fol 12 tal-process.
42 Fol 201.
43 Affidavit a fol 585.
44 Fol 202.
45 Fol 631 sa 651.

Tghid li hajt bejn ir-raba' u fejn hemm l-ispiera kien hemm izda baxx b'dan gie mgholli mill-konvenuti wara li sar l-access tal-Qorti u fuq struzzjonijiet ta' l-avukat difensur taghhom.

Aktar tard tghid li hajt ma' kienx hemm u dan l-ispazju kien lixx b'dan li mill-ispazju fejn hemm l-ispiera kienu jghaddu anke qabel akkwistaw ir-raba' u meta din kien ghadha f'idejn iz-zija taghha.

Tghid li l-bieb l-iehor fethuh huma katar tard meta sar xi xoghol mil-Kunsill b'dan li minn fejn l-ispiera baqghu jidhlu.

Mistoqsija dwar l-gholi tal-hajt bejn l-ispazju fejn hemm l-ispiera u t-triq tghid li dak kien aktar baxx b'dan li kien qisu zurzieqa li kienu jitilghu minnha. Izzid li ma' kienx hemm hitan. Tghid li l-hajt bejn dan l-ispazju u t-triq ghola wara.

Maghdud lilha li hemm m'hemmx passagg izda biss spiera tghid iva. Tinsisti izda li fil-passsat min hemm kienu jghaddu, inkluz ma' zijitha, ghaliex il-bieb l-iehor li hemm issa fethitu hija stess aktar tard.

Tghid li hemm kien nofsu ta' zijitha Concetta b'dan li missierha mbaghad xtrah kollu minghand ta' Strickland. Terga tinsisti li jekk f'dak il-kuntratt l-ispiera ma' tissemmiex dan ghaliex dak iz-zmien ma' kienux jissemmew spejjer.

Rigward it-twieqi tghid li wahda gejja minn zmien nannitha u Angelo Buttigieg u ohra fethuha l-konvenuti fuq wara. Tiddeskrivi l-ohra bhala toqba – aktar tard ticcara li din l-ohra mhijiex it-tieqa ta' fejn l-ispiera izda ohra *"daqshekk go kantuniera, tad-dawl"*.

Tikkonferma li dik l-apertura li gejja minn zmien Angelo Buttigieg regghet bdiet tinfetah fl-1981 meta nfethet ukoll it-toqba fuq wara. Izzid li huma ndunaw b'dan meta l-Kunsill gieghel lill-konvenuti jnaddfu, tnehha l-hatab, u feggew l-aperturi. Fuq it-tieqa ta' fejn l-ispiera tghid li dik dejjem maghluqha tafha.

Ticcara li aperturi miftuhin issa hemm tnejn, ta' fejn l-ispiera u z-zghira. Tghid li wahda kienet mghottija bil-bajtar u ohra bil-hatab. Tghid li qabel

dan iz-zghira ma' kienitx tezisti mentri ta' hdejn l-ispiera kienet maghluqa bil-gebel minn gewwa b'dan li l-hadid baqa' hemm fuq barra. Tghid li ma' tafx meta nfethet ghal kollox it-tieqa ta' hdejn l-ispiera ghaliex kien hemm il-hatab jahbi.

Mistqosija kif halliet il-hatab la tghid li hemm hwejjigha tghid li kienu ta' sikwiet jillitikaw mal-konvenuti sabiex inehhu l-hatab b'dawn daqqa jnehhu u daqqa jergghu jpoggu. Tghid li tnehha ghal kollox u ntebhu li t-tieqa nfethet meta mar naddaf il-Kunsill.

**In ri-ezami,**[46] tezebixxi ritratt a fol 656 u tghid li dak juri lill-oht il-konvenuti, Rita, tiela bil-hatab mit-triq ghal-bejt permezz ta' sellum.

Tikkonferma li t-tieqa n-naha tal-ispiera kienet maghluqha minn naha ta' gewwa tal-forn tal-konvenuti. Izzid li din tiftakarha miftuha ghal kollox l-ewwel darba xi 13-il sena qabel – allura fl-1999. Tghid li kien xi April jew Marzu meta gie l-Kunsill inaddaf.

Rigward l-apertura l-ohra li hija toqba go kantuniera tghid li din qieghda gholi li hi ma' tilhaqix. Tghid li din taghti ghal fuq ir-raba' taghhom.

**Ganna Mizzi** xehdet[47] li hija toqod vicin il-proprjetajiet in kwistjoni fin-numru 48, Triq in-Nadur, il-Qala. Tghid li l-kamra numru 53 – issa forn li qieghed f'idejn il-konvenuti – hija tiftakarha hemm minn dejjem. Izzid li tiftakarha ghand Anglu Buttigieg.

Tispjega li magenb din il-kamra kien hemm sqaq bi spiera go fih. Tghid li apparti hekk raba' kien hemm. Izzid li mil-kamra ma' stajtx tasal ghall-ispiera. Tghid li sabiex taccedi mil-kamra ghall-inhawi madwar ridt tohrog mil-bieb li jigi got-triq.

**In kontro-ezami,**[48] tikkonferma li l-ispiera kienet f'rokna b'dan li lill-hemm minnha kien raba'.

Izzid li l-passagg m'ghadux kif tiftakru fi' zmienha ghaliex illum mimli hatab. Tghid li hatab gej u sejjer minn hemm. Izzid li l-hatab jintuza fil-

[46] Fol 651 sa 655.
[47] Fol 492 sa 496.
[48] Fol 496 sa 503.

forn. Tghid li meta ma' jkunx hemm hatab tidher tieqa li hija tafha dejjem hemm. Tispjega li t-tieqa ghandha l-hadid.

Tinsisti li t-tieqa li taghti mil-forn lejn l-ispiera hija dejjem tafha hemm.

Izzid li tiftakar ukoll hajt fid-dahla fejn hemm l-ispiera izda ma' tafx tghid x'gholi kien ghaliex kien ikun mghotti bil-hatab.

**In ri-ezami**[49] ticcara li t-tieqa li semmiet ma' tafx qattx inghalqet. Izzid li tiftakar forma ta' tieqa imma ma' tafx kienx jghaddi dawl minnha. Tghid li l-forn kellu bieb wiehed jaghti ghat-triq u t-tieqa ta' fejn l-ispiera.

**In kontro-ezami ulterjuri**,[50] tghid li hija fil-forn sal-ghatba waslet b'dan li t-tieqa kienet taraha biss minn barra u allura ma' tafx kienitx miftuha ghad-dawl jew le. Tinsisti li minn barra kienet tidher sew li tieqa izda hi ma' tafx kienitx miftuha jew le. Tghid li minn barra t-tieqa kellha zewg listi tal-hadid.

Tinsisti li minn naha ta' barra – in-naha ta' l-ispiera – t-tieqa ghadha tidher kif hija ilha tafha sa minn 40 sena ilu izda hija ma' tafx jekk hijiex miftuha jew le.

**Regina Bugeja**, li twieldet il-Qala, xehdet[51] li l-forn tafu u taf ukoll l-ispiera izda ma' tafx kif taccedi mil-forn ghall-ispiera ghaliex hija qatt ma' dahlet fil-forn. Izzid li l'hemm ma' tersaqx u ma' tafx x'kien hemm bejn l-ispiera u r-raba'. Ticcara li hija ilha nieqsa mil-Qala mindu kellha 20 sena.

**Mary Rose Tabone**, xehdet[52] li hija toqod vicin il-proprjetajiet in kwistjoni fin-numru 56, Triq in-Nadur, il-Qala u ilha tghix hemm minn dejjem. Tghid li l-forn taf liem'hu izda qatt ma' dahlet go fih. Rigward l-ispiera tiftakar biss lill missiera jtella' l-ilma minnha. Tghid li ma' tafx b'hitan u kif wiehed kien jaccedi ghar-raba' ta' wara. Izzid li ma' tafx ta' minn huwa l-passagg fejn hemm l-ispiera u r-raba fil-qrib.

[49] Fol 503 sa 504.
[50] Fol 504 sa 506.
[51] Fol 507 sa 509.
[52] Fol 510 sa 512.

**Horace Buttigieg**, iben l-attur Joseph Buttigieg, xehed[53] li huwa ghandu 48 sena u ilu jghix il-Qala mindu kellu 5 snin. Jghid li l-inhawi tal-"Gebel Wieqaf" jafhom u jaf ukoll il-forn u l-ispiera.

Jghid li fiz-zmien hemmhekk kien nadif mhux kif inhu llum. Jghid li fejn issa hemm l-imbarazz kien parti mill-ghalqa. Izid li l-hajt tas-sejjiegh ta' mat-triq juri li l-ghalqa kienet sat-triq, bil-hajt jasal sal-kantuniera tal-hajt tal-kantun tal-forn b'dan li f'xi zmien infetah il-passagg. Jghid li l-passagg kien vojt ghajr ghal-bettija tal-inbid kbira li kienet tghatti l-bokka tal-ispiera.

Izid li ma' jafx minn ghamel l-ispiera imma kienet gol-proprjeta' ta' Strickland.

Jghid li aktar il-gewwa kien hemm hajt iehor ta' xi 6 filati.

Jghid li mil-forn ma' stajtx taccedi ghal dawn l-inhawi ghaliex ma' kienx hemm aperturi.

Jghid li wara mewt nanntu beda jintefa l-hatab hemmhekk u kkapparrawh. Jghid li x'hin gew sabiex ikejjlu l-ispiera sabiex jirregistrawha anqas setghu bl-imbarazz. Jghid li mbaghad marru ghand Perit kunjomhu Borg, in-Nadur, u ha hsieb irregistralhom l-ispiera hu.

**In kontro-ezami**,[54] jghid li t-titlu ghall-ispiera minn dejjem kien taghhom. izid li ma' jaqbilx li qabel xtara nannuh, hemmhekk kien bi qbiela ghand iz-zija tal-konvenuti. Jghid li hemm dejjem kien ta' Strickland imbaghad xtara nannuh.

Jghid li r-raba' li xtara nannuh ma' kienx mifrud b'hajt min ma' fejn izommu l-hatab il-konvenuti izda l-hajt tas-sejjiegh kien fuq barra. Aktar tard jaqbel li bejn it-triq u l-passagg hemm hajt b'dan li wara l-ispiera hemm hajt iehor li jifred il-passagg mir-raba' taghhom. Izid li dan izda mhux ghax hemm – bejn iz-zewg hitan u allura l-passagg – huwa tal-konvenuti izda ghax kien hemm il-passagg taghhom li fih hemm l-ispiera, bil-konvenuti bdew jixhtu l-hatab fih.

[53] Fol 521 sa 533.
[54] Fol 533 sa 548.

Suggerit lilu jekk ghal-ghalqa taghhom kienux jidhlu minn kancell minflok minn dan il-pasagg li bil-bettija tghatti l-ispiera fih kien dejjaq, jghid li huma kienu jghaddu miz-zewg inhawi skond kif kien ikun konvenjenti.

Fuq suggeriment iehor, jerga jikkonferma li bejn il-passagg fejn hemm l-ispiera u r-raba' taghhom dejjem kien hemm hajt ta' xi zewg filati b'dan li aktar il-barra u mat-triq kien hemm il-hajt tas-sejjiegh li semma qabel u li nfetah minnhom sabiex sar il-passagg b'dan ghamluh ghax hemm huwa taghhom.

Jghid li r-raba' hemmhekk inxtara minn nannuh b'dan li l-hatab beda jitpogga fil-passagg wara li mietet nanntu f'xi l-1986. Jinsisti li l-hatab tpogga hemm mil-konvenuti sabiex jikkapparraw il-passagg.

Rigward it-tieqa li mil-forn taghti ghal fuq il-passagg fejn hemm l-ispiera jghid li dik kienet hemm izda nanntu ghalqita b'dan li din dejjem baqghet maghluqha sakemm damet hajja nanntu. Izid li din kellha l-hadid u xorta baqghet forma ta' tieqa. Jghid li l-hatab ghalhekk intefa hemm biex fethuha bil-mohbi.

Rigward it-tieqa l-ohra li hemm thares ghal gor-raba' taghhom jghid li dik ukoll infethet illegalment.

**Joseph Buttigieg** – l-ebda miz-zewg partijiet li ghandhom l-istess isem – xehed[55] li huwa ilu jghix fl-inhawi tal-proprjetajiet in kwistjoni xi 20 sena b'dan li joqod fin-numru 47, Triq in-Nadur, il-Qala.

Jghid li l-forn u l-ispiera ilu jafhom mindu kellu xi 5 snin. Jghid li l-ispiera kienet f'dahla mdawra b'hajt. Izid li ma' jidhirlux li d-dahla/passagg kien maghluq b'hajt minn naha tat-triq. Jghid li mill-ispiera jiftakar lill Frans Buttigieg itella' l-ilma tant li darba Frans waqalu barmil li gabar b'rampila.

Jghid li mil-forn ma' kienx hemm access ghal passagg fejn hemm l-ispiera.

[55] Fol 549 sa 556.

Mistoqsi fuq twieqi jirrispondi dwar tieqa ta' remissa mhux tal-forn.

**In kontro-ezami**, jghid[56] li huwa ma' jigi minn hadd mil-partijiet. Jghid li jiehu l-ilma mill-ispiera jiftakar biss lill Frans Buttigieg li jigi iben Carmela u Ganni Buttigieg – konvenuti.

Jghid li l-atturi Theresa u Joseph ahwa Buttigieg ghandhom ir-raba' fuq wara ta' hemmhekk. Jghid li bejn ir-raba' tal-atturi u l-passagg fejn hemm l-ispiera huwa jiftakru mifrud b'hajt b'dan li ma' kienx hemm passagg minn fejn l-ispiera ghar-raba' taghhom.

Jispjega kif il-hajt kien jaqta' ir-raba tal-atturi minn mal-passagg tal-ispiera. Jghid li l-hajt kien ta' 6 piedi jew 7 b'dan li ta' tifel lilu kienu jtellugh fuqu sabiex jitla fuq il-bejt tal-forn. Jghid li bejn il-wicc tal-hajt u l-bejt kien hemm xi 4 filati ohra li kienu jergghu jghinuh jitla.

Jghid li l-konvenuti minn dejjem zammew il-hatab f'dan l-ispazju/passagg. Jghid li dan l-ispazju huwa ta' xi 6 jew 7 piedi kwadri.

**In ri-ezami**,[57] jerga jghid li huwa jiftakar lill Frans Buttigieg itella' l-ilma mill-ispiera sabiex jisqi lin-naghag. Jispjega li l-ispiera kienet mghottija bix-xorok li filghaxija kienu jitpoggew posthom bil-hatab jitpogga fuqhom. Izid li jahseb li jitpogga l-hatab fuq l-ispiera li ma' jmurx jaqa' xi hadd go fiha u dan minkejja li kien hemm ix-xorok.

**Avukat Dr. Andre Buttigieg**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tar-Rizorsi, xehed[58] li fl-1997 saret registrazzjoni ta' sors ta' ilma minn Theresa Buttigieg – attrici. Jghid li s-sors gie ndikat bhala bir. Jghid li bhala deskrizzjoni tnizzel li s-sors jinsab *"maghluqha ghax mimlija bil-hmieg"*.

Jipprezenta kopja tal-applikazzjoni ghar-registrazzjoni kompluta b'ritratti li jkunu gew annessi maghha – f'dan il-kaz kienu annessi zewg ritratti. Jghid li anness mal-applikazjzoni hemm ukoll pjanta ffirmata mil-Perit Carmelo Borg li tindika fejn jinsab is-sors.

[56] Fol 556 sa 562.
[57] Fol 562 sa 565.
[58] Fol 609 sa 612.

Izid li fl-applikazzjoni hemm indikat li l-applikant huwa l-unika persuna li juza s-sors tal-ilma.

Jispjega li kienet inharget ligi li obbligat lill minn ghandu sors tal-ilma sabiex jirregistrah. Jghid li ma ccekjax jekk haddiehor applikax sabiex jirregistra l-istess sors tal-ilma registrat minn Theresa Buttigieg.

**In kontro-ezami**, xehed[59] li l-fatt li applikant jindika li huwa l-uniku utent ta' sors ta' ilma u aktar l-isfel fl-istess applikazzjoni jghid li s-sors mhux jintuza ghaliex mimli hmieg mhix kwistjoni li jiddeciedi hu.

Jaqbel li applikazzjoni ma' taghtix indikazzjoni tas-sid veru tas-sors ghaliex tigi arkivjata suggett ghal verifika jekk ikun hemm bzonn. Jghid li sa fejn jaf hu ma' tintalabx prova tat-titolu. Izid li applikazzjoni bhal din ma' taghtix titolu ta' proprjeta'.

Jobbliga ruhu li jikkonferma jekk saritx xi applikazzjoni ohra fuq l-istess sors tal-ilma u meta ghalqet l-iskema ta' registrazzjoni tal-1997.

**Joseph Buttigieg**, konvenut, xehed[60] permezz ta' affidavit. Jiddikjara li huwa ghandu 64 sena. Izid li familtu ilhom bil-forn sa' minn qabel twieled hu. Jghid li l-forn u d-dar taghhom huma biswiet xulxin bl-ispazju in kwistjoni u r-raba' ta' l-atturi magenbhom.

Jghid li dawn l-ambjenti jafhom sew ghax huwa kiber hemm. Jghid li misseru kien jibda l-forn fis-0100 ta' filghodu, ommu tmur tghinu qabel is-sbieh, u huma ta' tfal jittiehdu hemm kmieni mas-sebh ghal-kolazzjoni. Jghid li l-gurnata taghhom kienet fil-forn b'dan li wara l-iskola jkunu hemm jilghabu fil-forn u fit-triq.

Jghid li l-ispazju li dwaru hija l-kawza jiftakru minn dejjem mifrud mir-raba' tal-atturi b'hajt tas-sejjiegh gholi xi 5 piedi. Jghid li f'dan l-ispazju missieru dejjem zamm il-hatab. Jiccara anzi li l-hatab kien ikun fuq il-bejt tal-forn b'dan li kull flghaxija missieru kien inizzel hazna f'dan l-ispazju ghal gurnata li jmiss. Jghid li dan kien isehh sa' minn qabel l-atturi xtraw fejn ghandhom illum.

[59] Fol 612 sa 616 bid-dokumenti a fol 617 sa 621.
[60] Fol 659 sa 660.

Jiddikjara li f'dan l-ispazju hemm spiera li minnha missieru kein itella l-ilma. Izid li kien hemm ukoll tnala tal-inbid li missieru kien izomm hemm sabiex jahzen fiha ilma sabiex jisqi l-annimali kif ukoll l-art u ghall-ghagna tal-hobz.

Jghid li dan il-post missieru kien xtrah minghand il-Knisja u huwa jaf dan l-ispazju bhala dejjem ifforma parti minnu. Jghid li fil fatt hemm tieqa miftuha minnu ghal fuq dan l-ispazju.

Jghid li hemm apertura ohra miftuha aktar baxxa fl-istess hajt li jiftakar lill missieru jiftaha xi 50 sena qabel ghad-dawl u l-arja.

Jghid li hemm ukoll mizieb li minnu jinzel l-ilma mil-bejt ghall-ispazju b'dan li llum il-mizieb huwa mkisser izda ghad hemm fdalijiet tieghu.

Izid li meta dahal is-servizz tal-ilma fid-djar l-ispiera baqghu juzawha biss biex jisqu l-annimali u jsaqqu l-art. Izid li eventwalment waqfu juzaw l-ispiera u l-ispazju sar jintuza kollu ghal-hazna tal-hatab kif ghadhom jaghmlu sallum. Jghid li l-ahhar li ntuzat l-ispiera kien meta kien qieghed jibni faccata ta' l-ispiera huh Frans.

Isemmi apertura ohra li taghti fuq ir-raba' tal-atturi. Jghid li din jiftakara dejjem hemm. Izid li jidher car li din saret mal-bini tal-post bil-post ghandu 'l fuq minn 100 sena.

Jaghlaq li mhux minnu li l-aperturi nfethu wara li xtraw l-atturi u li l-hajt bejn ir-raba' ta' l-atturi u l-ispazju tal-ispiera sar wara li xtraw l-atturi. Izid li dawn ilhom hemm u l-bazi tal-hajt turi car li r-raba' ta' l-atturi huwa separat mill-ispazju in kwistjoni.

**B'affidavit ulterjuri**,[61] jiddikjara li issa ghandu 74 sena u familtu ilha bil-forn sa minn qabel twieled huwa b'dan l-ewwel kien ghand nannuh imbaghad ghand missieru. Jiddeskrivi kif il-forn u l-post magenbu jmissu mar-raba' tal-atturi minn wara u minn genb. Jikkonferma dak kollu li ddikjara fl-affidavit precedenti tieghu.

[61] Fol 1037 sa 1039, b'dokument a fol 1040.

Jghid li jaf li r-raba' tal-atturi kien ta' Strickland qabel xtrah missier l-atturi. Izid li dan ir-raba' jafu mdawwar b'hitan tas-sejjiegh u postijiet imissu mieghu kif ghadu sallum. Jiddikjara li l-art li dwarha saret din il-kawza tul hajtu jafha mifruda mir-raba' tal-atturi u dan b'hajt tas-sejjiegh gholi xi 5 piedi.

Jezebixxi ritratt mill-ajru mehud fis-sena 1994, allura qabel imbdiet il-kawza, li juri l-art in kontestazzjoni b'fiha mahzuna *pellets* ghall-hruq fil-forn.[62]

**In kontro-ezami,[63]** jghid li l-hatab missieru kien jahznu fid-dahla tal-ispiera u fuq il-bejt. Jghid li jiftakar meta l-atturi xtraw ir-raba'. Jispjega li dik kieniet ta' Concetta mbaghad xtraha missier l-atturi minghand ta' Strickland.

Jghid li missieru kien izomm kaputa hdejn l-ispiera, itella' l-ilma mill-ispiera u jahznu fil-kaputa. Jghid li missieru kien itella' l-ilma kuljum. Izid li l-bokka tal-ispiera kienet tkun maghluqa bix-xorok kif inhi llum. Jghid li hatab gieli kien hemm fuq l-ispiera ghax anke n-nies kienu jerhulhom il-hatab hemm kif gahhdom jaghmlu sallum. Jghid li missieru dam itella l-ilma sa' ma miet b'dan li ilu mejjet xi 50 sena.

Rigward l-apertura li fl-affidavit jghid li fetah missieru, jghid li twieqi hemm wahda wara u ohra fejn l-ispiera, b'missieru kien ghamel toqba. Jghid li huwa ghandu 75 sena u t-twieqi dejjem hemm jafhom.

Jghid li fejn qal li kienu jghaddu l-ilma min tieqa, dan kien b'pipe. Jghid li missieru kien itella l-ilma mill-ipsiera b'tarjola, jimla il-kaputa – jew tnala tal-inbid – imbaghad iqabbad pipe u jdahhal l-ilma fejn in-naghag. Jghid li dna kien jaghmlu mit-toqba li hemm mal-art.

Rigward l-imwiezeb jghid li dak tan-naha tal-ispiera kissru hu meta laqtu. Jghid li hemm iehor fuq wara.

Jghid li fejn fl-affidavit qal li huwa car li t-twieqi ilhom hemm dan qalu ghax il-gebel u l-hadid jidhru li qodma.

---

[62] Ritratt a fol 1040.
[63] Fol 1048 et seq.

**Grezzja Cini**, konvenuta, xehdet[64] li hija ghandha 66 sena b'dan li ghomorha kollu fil-forn tal-genituri taghha. Tghid li fil-forn hemm zewg twieqi jaghtu ghal-ispazju fejn hemm l-ispiera u ohra taghti ghal fuq ir-raba' ta' l-atturi.

Tispjega kif l-ispazju tal-ispiera huwa miftuh b'dan li qabel kien hemm hajt kaxxa u huma ta' tfal kienu jitilghu fuq l-ispiera, minn hemm jitilghu fuq il-hajt sabiex imbaghad jitilghu fuq il-bejt.

Tghid li l-hitan kienu jifirdu l-ispiera ghal barra u ghar-raba' tal-atturi. Tghid li l-hajt bejn l-ispazju tal-ispiera u r-raba' tal-atturi kien gholi xi 5 piedi.

Tghid li l-ispiera kien jaghmel uzu minnha missiera zgur u aktarx certu Mikieli Tabone wkoll. Izzid li lill-atturi qatt ma' rathom juzaw l-ispiera.

Tghid li hemm ilu ghand familta qabel twieldet hija b'dan li t-twieqi li semmiet tiftakarhom hemm sa minn dejjem.

Tghid li anke wara li telqet mil-Qala, hija baqghat u ghadha tmur il-forn kuljum. Izzid li t-twieqi qatt ma' nbiddlu min kif inhuma llum. Izzid li meta missierha kellu l-bhejjem kien jghatti t-twieqi bl-ixkejjer sabiex ma' jghaddix rih.

Tghid li l-ispazju fejn hemm l-ispiera fih daqs mejda. Tghid li dan l-ispazju dejjem utilizzawh huma.

Issemmi li dan l-ispazju kien jintuza ghall-ispiera u sabiex jaccedu fuq il-bejt biss. Tghid li l-hatab mil-bejt kien jintefa ghat-triq, mhux hemm.

Tghid li l-hajt li jifred ir-raba' tal-atturi minn dan l-ispazju fejn hemm l-ispiera wkoll ma' nbidilx. Tghid li dan huwa tas-sejjiegh b'bicca tal-kantun qadim.

Tghid li l-ilma tal-bejt jaqa f'dan l-ispazju fejn hemm l-ispiera. Izzid li kien hemm mizieb li nkiser izda ghadu jidher fejn kien.

[64] Fol 675 sa 683.

**Rita Debono**, konvenuta, xehdet[65] li hija kibret fit-triq tal-forn u baqghet hemm sa ma' izzewget u marret Malta fl-2004. Izzid li qabel zzewget u marret Malta l-forn kienu joperawh hi u omma.

Tghid li hija l-proprjetajiet taghhom, forn u dar, dejjem tafhom f'idejn il-genituri taghha.

Tghid li t-twieqi f'dawn il-proprjetajiet qatt ma' nbiddlu u anqas l-imwiezeb. Tghid li l-bejt tal-kamra magenb l-ispazju fejn hemm l-ispiera jaqleb ghal go l-istess spazju.

Izzid li fl-istess spazju fejn hemm l-ispiera hemm hofra fejn kienu jsajru nies li ghixu hemm qabilhom ghax il-kamra magenb l-ispazju anqas kellha kcina.

Tghid li l-ispazju tal-ispiera dejjem tafu mifrud mir-raba' tal-atturi b'hajt gholi xi 5 piedi.

Tghid li r-ritratt li ezebew l-atturi li juri lilha tiela fuq il-bejt b'sellum huwa minnu ghax dak l-ispazju kien mimli hatab allura ma' setghetx titla minn hemm.

Tghid li dan l-ispazju dejjem kien mimli hatab. Tghid li missiera miet meta hija kellha 6 snin u allura ma' tiftakrux juza l-ispiera. Tghid li hi u hutha kienu juzaw l-ispazju wkoll sabiex minn hemm jitilghu fuq il-bejt. Tispjega kif kienu jitilghu mill-ispiera, ghal-hajt, ghal bejt.

Tghid li l-kwistjonijiet mal-atturi bdew meta tal-Kunsill marru jwessghu Triq in-Nadur. Tghid li hawnhekk l-atturi pruvaw jaqilghu l-hajt ta' bejn l-ispazju tal-ispiera u r-raba' taghhom. Izzid li xi hadd qal lill-kuntrattur tal-Kunsill ihott dan il-hajt. Tghid li huha Frans waqqafhom u jaf aktar minnha x'gara ghax kellimhom.

Tghid li z-zewg twieqi li jaghtu ghall-ispazju tal-ispiera mhux indaqs, b'wahda akbar mill-ohra. Izzid li wahda minnhom ghandha l-hadid. Tghid li dawn gahdhom kif tiftakarhom minn dejjem, l-istess qies u miftuhin. Tghid li caccis hemm imma purtelli le. Izzid li kienet tisma lill

[65] Fol 684 sa 693.

ommha tghid li l-purtelli haduhom l-aventi kawza ta' minn ghex hemm qabel.

**Francesco sive Frans Buttigieg**, konvenut, xehed[66] li l-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill sabiex iwessa' Triq in-Nadur kien wiehed maghruf bhala "Il-Magun".

Jghid li dan kien ser jaqla l-hajt tal-ispiera biex imbaghad jghalqu mit-triq sal-kantuniera tal-forn. Izid li b'dan huma ma' kienx jibqalhom access ghall-ispiera.

Riferut ghal-pjanta mhejjija mil-perit tekniku – pjanta a fol 246 – jghid li l-kuntrattur kien ser jaghqla l-hajt bejn l-ispazju tal-ispiera u r-raba' tal-atturi mbaghad jaghlaq dak l-ispazju b'hajt gdid linja mat-triq sal-kantuniera tal-forn taghhom – jimmarka bl-ittri "C" u "B" fejn kien ser jinbena l-hajt il-gdid. Izid li b'dan il-mod huma ma' kienx jibqalhom access ghall-ispiera u l-ispazju tal-ispiera.

Jghid li safejn jaf huwa dawn l-ordnijiet nghataw lill-kuntrattur mis-Sindku imma probabli fuq talba tal-atturi.

Jghid li huwa ghandu 59 sena u l-hajt li jifred l-ispazju tal-ispiera mir-raba' tal-atturi dejjem hemm jafu. Jghid li l-gholi tieghu wkoll dejjem baqa' ta' xi 5 piedi.

Jghid li l-atturi qatt m'ghaddew minn hemm. Izid li l-ispiera kienu juzawha biss huma u terz bil-permess ta' missieru. Jikkonferma li meta bena faccata ta' dawn l-ambjenti huwa ha l-ilma mill-ispiera.

Fuq l-istess pjanta a fol 246, jimmarka l-hajt li jifred l-ispazju tal-ispiera mir-raba' tal-atturi bl-ittri "X" u "Y". B'dan li kif immarkati bl-ittri "CXYB" il-hitan jifformaw kwazi kaxxa li tifred l-ispazju tal-ispiera mir-raba' tal-atturi. Bl-ittra "M" jimmarka mizieb li jitfa l-ilma fuq l-ispazju in mertu mentri bl-ittra "S" jimmarka iehor li jaqleb l-ilma ghal gor-raba' tal-atturi. Jikkonferma li bicca minn mizieb minnhom kissirha hu.

[66] Fol 694 sa 700.

Jghid li huma minn dan l-ispazju kienu jitilghu fuq l-ispiera, ghal fuq il-hajt, ghal fuq il-bejt.

Rigward l-aperturi miftuhin ghal fuq l-ispazju tal-ispiera jghid li dawk ilhom hemm b'wahda qieghda mal-art, li jghid li missieru kien jghidlu li kienu jsajjru fiha, din hija ta' xi 2 piedi b'2 piedi, u l-ohra fiha xi 2 piedi bi 3 piedi li ghandha wkoll il-hadid. Jghid li dawn dejjem hemm kienu u ghadhom, kif kienu.

Jghid li ta' 2 piedi bi 3 piedi meta kellhom il-bhejjem missieru kien jaghlaqha bl-ixkejjer sabiex ma' jghaddix rih minnha. Jghid li dan peress li purtelli m'ghandux.

Jobbliga ruhu li jipprezenta kopja tad-denunzji tal-genituri tieghu.[67]

**Lucia Mifsud**, konvenuta, xehdet[68] li hija zzewget fl-1992 b'dan li ghadha tghix ftit minuti mixi bod mil-forn u tmur hemm kull filghodu u filghaxija.

Tghid li hija sa' minn dejjem taf lin-nies jiehdulhom l-hatab sabiex jinharaq fil-forn b'dan li n-nies kienu jixhtu l-hatab fl-ispazju tal-ispiera.

Tghid li hija ma' tiftakrux lill missiera b'dan li ma tafx kif kien juza l-ispiera.

Tghid li wara li miet missiera l-forn kienu joperawh omma u hutha Grezzja u Rita. Izzid li hija kienet tmur tghinhom.

Murija r-ritratt numru 19 a fol 126 taghraf l-ispazju tal-ispiera mdawwar bil-hitan. Tghid li fuq dan l-ispazju hemm zewg twieqi miftuhin b'wahda ghandha mizieb fuqha.

Murija ritratti ohra bin-numri 23 u 24 a fol 128 terga taghraf l-istess spazju kif ukoll iz-zewg twieqi. Timmarka z-zewg twieqi bl-ittri "A" u "B" fuq ir-ritratt numru 24. Tghid li l-hitan li jidhru f'dawn ir-ritratti u li jisseparaw dan l-ispazju mir-raba' tal-atturi dejjem hekk tafhom.

[67] Fil-verbal a fol 706.
[68] Fol 701 sa 705.

Tispjega kif kienu jitilghu minn fuq l-ispiera ghal fuq il-hajt ghal fuq il-bejt.

**Pawla Vella**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[69] Tiddikjara li ghandha 63 sena, kienu jiltaqghu 14-il ahwa, u l-genituri taghha kienu bil-forn. Tghid li hi u hutha kibru l-forn, jilghabu hemm u fit-triq.

Tghid li hi marret il-Kanada ta' 17-il sena u damet hemm xi 20 sena.

Izzid li magenb il-forn kellhom maqjel u magenb dan hemm spiera llum maghluqa.

Tghid li l-ispiera hija mifruda mir-raba' ta' l-atturi b'hajt tas-sejjiegh. Izzid li dan il-hajt kienu jixxabbtu mieghu sabiex jitilghu fuq il-bejt tal-maqjel u tal-forn fejn missiera kien jahzen il-hatab. Izzid li kienu jwaddbu l-hatab minn fuq il-bejt ghat-triq jew fejn l-ispiera b'dan li missiera mbaghad kien jiehdu minn hemm ghal gol-forn.

Tghid li missiera kien jiehu l-ilma mill-ispiera u dan ghat-tisqija tal-art u l-annimali.

Tiddikjara li fil-maqjel biswiet l-ispazju tal-ispiera kellhom l-annimali. Tghid li dan il-maqjel kellu zewgt'itwieqi jaghtu ghal fuq l-ispiera, b'tieqa ohra zghira fuq wara taghti fuq ir-raba' tal-atturi. Tghid li dawn it-twieqi tiftakarhom hemm minn dejjem kif tiftakar ukoll l-ispazju tal-ispiera mdawwar bil-hitan tas-sejjiegh. Tghid li hekk kien kollox qabel sifret u hekk kien ghadu meta giet lura.

Tghid li l-forn kienet titla kuljum sa' ma mietet ommha b'dan li wara mewt ommha bdiet tiehu hsieb tal-forn ohta Rita u, meta Rita zzewget, bdiet tiehu hsieb tieghu hi. Izzid li t-twieqi u l-ispiera ghadhom kif dejjem kienu.

Tiddikjara li f'dan il-maqjel magenb l-ispazju tal-ispiera l-genituri taghha ma' kellhomx dawl bl-unika dawl kien jidhol mill-aperturi deskritti.

[69] Fol 717 sa 718.

Tghid li l-ispazju tal-ispiera huwa mifrud b'hajt minn mar-raba' tal-atturi izda mhux mifrud b'hajt mit-triq. Tghid li dan l-ispazju kien jintuza ghal-hazna tal-hatab wara li miet missiera meta l-ispiera ma' baqghetx tintuza.

Tikkonkludi li lill-atturi qatt ma' rathom juzaw l-ispiera jew jidhlu fir-raba' taghhom mill-ispazzju tal-ispiera.

**John sive Ganni Buttigieg**, konvenut, xehed[70] li huwa ghandu 55 sena u l-maqjel magenb l-ispiera dejjem jafu f'idejn il-genituri tieghu.

Izid li minn wara l-maqjel imiss mar-raba' tal-atturi, minn naha mal-forn taghhom, u minn naha ohra ma' fejn hemm l-ispiera.

Jghid li l-ispiera missieru kien jghid li taghhom u minnha kienu jiehdu l-ilma.

Jispjega kif kienu jitilghu minn fuq l-ispiera ghal fuq il-bejt biex inizzlu l-hatab ghal forn. Jiddeskrivi gebel wara l-ispiera li kienu jitilghu fuqhom sabiex jitilghu fuq il-bejt. Jghid li dawn ilhom hemm u ghadhom hemm. Jghid li kienu jaghmlu hekk ghax il-maqjel m'ghandux tarag ghal-bejt. Jghid li dan huwa l-hajt bejn fejn hemm l-ispiera u r-raba' tal-atturi. Jghid li l-hajt mhux l-istess gholi b'xi partijiet minnu gholjin aktar minn ohrajn.

Jghid li n-naha tal-ispiera hemm zewg twieqi, wahda isfel u l-ohra fuq. Jghid li t-twieqi ghandhom il-vireg tal-hadid u minnhom tidhol l-arja. Jghid li l-maqjel ghandu tieqa ohra fuq wara.

Jghid li l-ispiera kienu juzuwha missieru u huh Frans, bl-atturi qatt ma' rahhom juzawha.

Jghid li ilu xi sena/senten ma' jidhol fil-maqjel. Jghid izda li t-twieqi u l-ispiera dejjem hekk kienu b'dan li kollox ghadu kif kien.

[70] Fol 719 sa 732.

**Joseph Buttigieg** – ebda wiehed mill-partijiet – xehed permezz ta' affidavit.[71] Jiddikjara li lill-konvenuti ilu jafhom sa minn tfulitu u kien ikun maghhom il-forn taghhom.

Jichad li huwa xi darba ghen lill-konvenuti jtellghu l-hajt li hemm bejn l-ispiera tal-konvenuti u r-raba' tal-atturi. Jghid li dan il-hajt jafu hemm minn kemm ilu midhla tal-inhawi u allura ghall-ahhar 35/40 sena. Izid li l-hajt huwa gholi xi 5 piedi b'dan li biex minn hemm tghaddi ghar-raba' tal-atturi jkollok taqbez jew tixxabbat.

Izid li lill-genituri tal-konvenuti jafhom u jiftakarhom, partikolarment lill-ommhom, jahznu l-hatab fid-dahla fejn hemm l-ispiera mhux biss recentement izda minn 40 sena ilu l-hawn. Jghid li tant kien ikun hemm hatab li l-ispiera kienet titghatta.

Izid li f'din id-dahla m'hemm ebda passagg.

Jiddikjara li jaf li f'din id-dahla hemm zewg twieqi li jaghtu mill-maqjel tal-konvenuti ghal fuqha. Jghid li l-maqjel ghandu wkoll tieqa ohra, fuq wara, taghti ghal fuq ir-raba' tal-atturi. Jghid li minn dawn it-twieqi jidhol dawl u arja. Jiddikjara li kemm ghandu zmien hu dawn it-twieqi dejjem hemm kienu.

Jiddikjara li kien huwa li naddaf din id-dahla qabel sar l-access tal-Qorti b'dan li l-hitan ma' ntmessux u ghadhom kif ilu jafhom dawn l-ahhar 40 sena.

Jghid li f'din id-dahla jaf biss lill-konvenuti nkluz ommhom Carmela, bl-atturi qatt ma' rahhom hemm jew jghaddu minn hemm ghar-raba' taghhom. Jghid li sabiex jaccedu r-raba' taghhom l-atturi ghandhom bieb aktar il fuq fl-istess triq li ilu hemm izda kien dejjaq b'aktar recentement wessugh. Izid li l-atturi ghandhom ukoll access ghal dan ir-raba' taghhom minn gewwa darhom li tmiss mieghu.

**B'affidavit ulterjuri**[72] jikkonferma dak kollu dikjarat fl-affidavit precedenti tieghu b'dan li jiccara li mil-maqjel tal-konvenuti ghall-ispazju fejn hemm l-ispiera hemm zewg twieqi u jzid l-ammont ta' snin li

[71] Fol 745 sa 746.
[72] Fol 1042 sa 1044.

ghaddha maz-zmien precedentement dikjarat rigward kemm ilu jaf l-affarijiet kif jixhed dwarhom.

**In kontro-ezami**[73] jghid li fid-dahla tal-ispiera tant kien hemm hatab li ma' kontx tittendi li hemm hajt li jifred id-dahla mir-raba' tal-atturi. Jghid li mbaghad ghin lill-konvenuti jnaddfu peress li kienet sejra l-Qorti u kixfu l-hajt.

Jghid li huwa gieli dahal fil-maqjel jghin lill-konvenuti jahilbu u jsorru t-tiben fir-raft. Jiftkar li fih hemm zewg twieqi ta' xi 3 filati gholi l-wahda. Jghid li tieqa taghti fuq l-ispiera u ohra taghti fuq wara.

**Anthony Buttigieg**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[74] Jiddikjara li ghandu 64 sena u ilu msiefer mill-1964. Izid li t-twieqi mertu tal-kawza dejjem jafhom hemm u huma antiki. Jghid li hemm biss tieqa wahda miftuha ghal gol-proprjeta' tal-atturi b'ohra hija miftuha ghal fuq l-ispiera.

Jiddikjara li fejn hemm l-ispiera huwa separat mir-raba' tal-atturi b'hajt tas-sejjiegh gholi xi 6 jew 7 piedi. Izid li fejn hemm l-ispiera dejjem kien f'idejhom bl-ispiera dejjem intuzat minn missieru b'dan li fejnha kien izomm ukoll l-irmid tal-forn.

**Maria Buttigieg,** konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[75] Tiddikjara li ghandha 61 sena u tghix il-Kanada. Tghid li t-twieqi miftuhin fil-forn u l-maqjel proprjeta' taghhom dejjem hemm tafhom b'dik tal-forn taghti ghal fuq ir-raba' tal-atturi mentri dik tal-maqjel taghti ghal fuq proprjeta' taghhom stess, fjen ghandhom l-ispiera.

Izzid li bejn l-ispiera taghhom u r-raba' tal-atturi hemm hajt tas-sejjiegh li tiftakru hemm minn dejjem.

Tghid li fl-ispazju fejn hemm l-ispiera missiera kien jigma l-irmid tal-forn.

[73] Fol 1057 et seq.
[74] Fol 752.
[75] Fol 753.

Tghid li l-bini proprjeta' taghhom ghandu 'l fuq minn 100 sena b'dan li qabel kien tan-nannu taghhom, bit-twieqi huma antiki wkoll.

Tghid li fi zmien meta kien qass ghad hemm servizz tal-ilma fid-djar il-hajt li jifred l-ispazju tal-ispiera mir-raba' tal-atturi kien diga hemm. Izzid li fi tfulita kienet tixxabbat ma' dan il-hajt sabiex tasal ghal bejt tal-maqjel u l-forn.

**Giovanna Mizzi**, xehdet permezz ta' affidavit.[76] Tiddikjara li hija ghadha sallum toqod fi Triq in-Nadur, il-Qala, fejn trabbiet u fejn ghandhom il-proprjetajiet il-partijiet.

Tghid li l-maqjel tal-konvenuti tiftakru ghand Angelo Buttigieg qabel akkwistah missier il-konvenuti. Tghid li dan ghandu tieqa bil-vireg tal-hadid thares fuq spazju miftuh ukoll tal-konvenuti. Izzid li hija ghandha 67 sena u din it-tieqa dejjem hemm tafha.

Tghid li l-ispazju fih spiera li tiftakar lill Angelo Buttigieg jiehu l-ilma minnha. Tghid li Angelo ilu mejjet xi 50 sena. Izzid li dan l-ispazju huwa mifrud mir-raba' tal-atturi b'hajt tas-sejjiegh gholi xi 6 piedi.

Tghid li l-ispazju huwa miftuh ghat-triq u jaghti fuqu hemm ukoll mizieb imkisser.

Tghid li l-familja taghha kellhom dritt jimlew minn din l-ispiera imma qatt ma' ezercitaw id-dritt ghaliex kellhom bir taghhom.

Tghid li meta xtara l-maqjel li qabel kien ta' Angelo, missier il-konvenuti beda wkoll izomm il-hatab ghal forn f'dan l-ispazju kif baqghu jaghmlu uliedu.

**Saviour sive Sunny Buttigieg**, xehed permezz ta' affidavit.[77] Jiddikjara li ghandu 67 sena u dejjem ghex il-Qala, mhux bod minn fejn ghandhom il-proprjetajiet il-partijiet.

---

76 Fol 754.
77 Fol 755.

Jghid li jiftakar lill Angelo Buttigieg jghix fil-post li ghandhom il-konvenuti b'dan li ta' tfal li kien, u flimkien ma' shabu, kienu jittantawh mit-tieqa li l-atturi qed jippruvaw jghalqu. Jghid li wara mewt Angelo l-fond tieghu akkwistah missier il-konvenuti li ghadu f'idejhom sallum.

Dwar it-tieqa jghid li din tghati ghal fuq spazju miftuh fejn jiftakarhom jghidu li hemm spiera. Jghid li dan l-ispazju huwa miftuh ghat-triq minn quddiem, imiss mal-maqjel tal-konvenuti minn genb u jmiss mar-raba' tal-atturi minn zewg gnub ohra. Izid li bejn dan l-ispazju u r-raba' tal-atturi hemm hajt tas-sejjiegh gholi xi 5 piedi jifridhom.

Jghid li huwa jaf biss lill-konvenuti fil-pussess ta' dan l-ispazju u jafhom izommu fih il-hatab ghal-forn.

**Din il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku** mahtur minnha kif diversament presjeduta, il-Perit Edward Scerri li giet ipprezentata fir-Registru taghha nhar it-12 ta' Settembru, 2002.[78]

Din ir-relazzjoni tikkonsisti f'sensiela ta' ritratti u pjanta.

B'relazzjoni addizzjonali[79] l-perit tekniku pprezenta mil-gdid il-pjanta diga in atti a fol 137 din id-darba bil-qisien jidhru fuqha.[80]

**In eskussjoni mil-konvenuti**, xehed[81] li r-ritratti mar-relazzjoni tieghu a fol 117 et seq hadhom hu. Riferut ghar-ritratti numerati 24 u 25 a fol 128 u 129 jghid li l-istruttura nfisha li tidher hemm hija wahda antika hafna ta' mill-inqas 150 sena. Jghid li l-hajt fejn hemm it-tieqa li tidher fir-ritratti 24 u 25 juri car li xi darba kien hemm intervent fuqu. Jghid li dan hu car mil-fatt li l-fili orizzontali ma' jaqblux. Jghid li tali ntervent izda wkoll sar fl-antik u dan kif jixhed il-gebel li ntuza li ghalkemm huwa aktar recenti mill-gebel l-iehor fil-hajt xorta huwa bil-kolp – maqtugh bil-mannarett

[78] Relazzjoni a fol 117 sa 137.
[79] Relazzjoni addizzjonali a fol 245 sa 246.
[80] Pjanta a fol 246.
[81] Fol 775 sa 782.

mhux b'sega, zmarrat - x-xfar mhumiex dritti kif nafuhom dawn l-ahhar 40/50 sena - u ta' certi qisien.

Jghid ghalhekk li jekk sar xi ntervent dan zgur sar 'il fuq minn 50 sena ilu. Izid li t-tieqa li qed jara hija ntegrali ghal dan l-intervent tant li anke l-blata hija baxxa u mhux ta' filati jew bil-kunjardi kif imdorrijin naraw illum.

Rigward it-tieqa aktar baxxa li tidher fir-ritratt 25 a fol 129 jghid li din tidher li hija parti mil-*fabric* originali tal-hajt antik.

B'referenza ghal-pjanta mhejjija minnu a fol 246 tal-process, jghid li ma' jistax jghid jekk il-marki – ittri – bil-pinna ghamilhomx hu.

**Rat ukoll relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku** mahlufa nhar it-28 ta' Mejju, 2021.[82] F'din ir-relazzjoni addizzjonali l-perit jiddikjara li l-inkarigu tieghu gie estiz sabiex jirrelata dwar il-formazzjoni tal-aperturi li hemm fil-fondi tal-konvenuti, meta gew iffurmati, u jekk infethux qabel il-kawza. Izid li ghal dan l-iskop zamm access fit-28 ta' Frar, 2020 fejn ha wkoll diversi ritratti addizzjonali. Jiccara li ma' kellux access ghal-gol bini bir-relazzjoni saret ghalhekk mill-konstatazzjonijeit tieghu maghmulha min fuq barra.

Jiddikjara li:

i. Il-binja hija vernakulari bi 3 aperturi, 2 f'genb u wahda fuq wara.
ii. Iz-2 aperturi fuq jaghtu fuq bicca art dejqa kwazi livell mat-triq li tinsab fuq it-Tramuntana tal-binja. Wahda minn dawn l-aperturi qieghda madwar 6 filati 'l fuq mill-livell tat-triq u hija gholja madwar 3 filati. L-ohra qieghda fil-baxx, l-isfel mis-sol tat-tieqa l-ohra.
iii. L-apertura aktar gholja ghandha l-koxox, blata u soll mingurin bid-daqqiet tal-mannarett u l-izmarrar jindikaw li hija qadima hafna u bil-kontinwazzjoni tal-fili tindika li din kienet parti ntegrali mil-binja originali jew jekk le, ilha hemm minn qabel bdew jintuzaw mezzi mekkanizzati moderni, jigifieri aktar minn 60/70 sena ilu. Il-*weathering* tal-gebla jikkonfermaw dan.

[82] Relazzjoni a fol 994 sa 1021.

iv. L-apertura fil-baxx hija ffurmata minn gebel aktar zmarrat u rustiku u hija simili ghal dawk li jinsabu f'giren fil-kampanja. Din hija apertura fl-imramma u huwa difficli ferm li hija recenti ghaliex kieku saret wara li nbniet il-binja kienet tippregudika l-istabbilita' taghha. Huwa probabli li din saret mal-binja.

v. L-apertura fuq wara hija tieqa rettangolari bil-koxox definiti b'knaten regolari bid-daqqiet tal-mannaret. Jghid li ghalkemm knaten maqtughin recenti minn barriera jistghu jinghataw kolpi biex jidhru bhal tal-mannarett dawn ikunu jingharfu. Jghid li il-knaten hawn ghandhom mill-anqas 70 sena b'dan li din l-apertura jew giet iffurmata meta nbniet il-kamra ta' quddiemha b'dan li thalla spazju sabiex ma' tinghalaqx jew inkella mal-bini tal-kamra fejn tinsab infisha.

Jannetti diversi ritratti a fol 999 sa 1021 li juru it-tlett aperturi msemmija.

**Din il-Qorti rat ukoll** it-traskrizzjoni ta' **access mizmum nhar it-8 ta' Ottubru, 2008**[83] minnha kif diversament presjeduta fejn, wara li l-Qorti semghet lill-partijiet u lid-difensuri taghhom, gie nnutat li:

i. Jaghtu fuq ir-raba' in kwistjoni hemm 3 ti kmamar mibnija b'gebel qadim li jidhru illi nbnew f'epoki differenti;

ii. Fl-izghar kamra hemm zewgt'itwieqi, b'tieqa taghti ghal fuq bitha zghira u ohra, proprju fit-tarf ta' din il-kamra, mibnija – bil-blata b'kollox – b'gebel tal-kantun maqtugh bil-mannarett li jidher li sar f'epoka sussegwenti ghal-bini tal-kamra originali. Il-perit tekniku kejjel it-tieqa b'din tinsab li ghandha wisgha ta' 47 centimetru u gholi ta' 58 centimetru – ossia zewg filati. Din it-tieqa thares ghal go l-imramma tal-hajt tal-gebel qadim. Quddiem din it-tieqa hemm sigra tat-tin b'dan li ma' tantx hija vizibbli mir-raba' in kwistjoni;

iii. It-tieqa li taghti ghal fuq il-bitha zghira hija mbarrata bil-hadid u jidher li saret b'gebel tal-kantun li huwa inqas qadim mil-kumplament tal-gebel li bih originarjament inbniet il-kamra. Hemm mizieb jaghti ghal fuq il-bitha zghira li hija mdawra bil-kantun li jidher li huwa qadim;

[83] Traskrizzjoni fil-Volum II tal-process, mhux paginata – ref ukoll; verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2008 a fol 345.

iv. Il-Qorti nnutat ukoll li fil-kamra li taghti ghal fuq il-bitha z-zghira hemm speci ta' tieqa ma' l-art, f'gholi ta' zewg filati, li taghti ghal gol-kamra agjacenti ghal din il-bitha.

Prezenti ghal dan l-access kien hemm il-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom, u l-perit tekniku.

**Rat ukoll** it-traskrizzjoni ta' **access mizmum nhar il-25 ta' Gunju, 2014**[84] minnha kif diversament presjeduta fejn il-perit tekniku spjega li:

i. L-apertura aktar fl-gholi mal-genb tal-maqjel tal-konvenuti tidher car li mhijiex parti mill-istruttura originali tal-bini u dan mil-gebel li jifforma il-koxox taghha, li huwa izjed regolari minn dak tal-maqjel. Jikkalkola izda li din l-apertura ghandha l-fuq minn 50 sena u dan ghaliex l-istess gebel formanti l-koxox huwa bil-kolpi tan-naggar.
ii. L-apertura aktar baxxa, fil-kantuniera ta' isfel tal-genb tal-maqjel, hija aktar difficli taghtiha zmien izda mhijiex recenti.
iii. It-tielet apertura – u allura dik ta' wara – hi tal-istess tip ghall-apertura l-aktar gholja mal-genb tal-maqjel b'din ukoll ghandha l-koxox taghha ffurmati minn gebel aktar regolari izda wkoll bil-kolpi tan-naggar.
iv. Il-mizieb li jaghti fuq l-ispazju tal-ispiera ma' jistax jaghtih data jew jghid hux originali jew le. Jghid izda li huwa car li l-bejt tal-maqjel jaqleb ghal fuq l-ispazju tal-ispiera mentri l-bejt l-iehor jaqleb ghal wara.
v. Il-hitan, inkluz dak li jissepara l-ispazju tal-ispiera mir-raba' tal-atturi jinkludu gebel kbir li dawn l-ahhar 50 sena ma' jsirx jekk mhux fuq ordni specifika. B'dan allura li l-gebel huwa antik. It-tqeghid tieghu hija xi haga ohra ghax jista jkun li l-gebel kien fl-inhawi u ngib aktar recentement. Jghid izda li l-ewwel zewg saffi huma maghmulha b'gebel fuq xulxin li jiltaqa pjutost tajjeb.

Prezenti ghal dan l-access kien hemm il-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom, u l-perit tekniku.

## C. Ikkunsidrat:

[84] Traskrizzjoni tal-access a fol 801 sa 806.

**Preliminari:**

B'din il-kawza, l-atturi originali talbu lill din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuti ma' kellom l-ebda dritt jifthu zewg twieqi ghal fuq il-proprjeta' taghhom kif indikat fil-premessi kif ukoll li jpoggu hatab, zkuk u materjal iehor fl-istess proprjeta' taghhom.

Talbu ghalhekk kundanna sabiex il-konvenuti jaghlqu b'mod permanenti l-istess zewg twieqi u jnehhu l-materjal imsemmi. Talbu wkoll sabiex fin-nuqqas tal-konvenuti li jottemperaw ruhhom ma' tali ordni, jkunu awtorizzati jaghmlu ix-xoghol necessarju huma stess a spejjez tal-konvenuti.

Iz-zewg twieqi li gie rikjest l-gheluq taghhom kif ukoll il-hatab u materjal li l-atturi talbu li jitnehha gew indikati fuq pjanta mehmuza mac-citazzjoni bhala dokument "D" – a fol 12 – u gew murija wkoll fuq tlett ritratti mehmuza mac-citazzjoni bhala dokument "E", "F", u "G" – a fol 13, 14, u 15.

Da parti taghhom, il-konvenuti originali laqghu ghal dawn it-talbiet atturi billi qalu li l-hatab ormai tnehha b'dan li hemm karenza ta' interess guridiku, u, kemm b'referenza ghal-lok fejn tpogga l-hatab kif ukoll ghat-talbiet rigward it-twieqi l-ewwel u qabel kollox l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom fuq l-art in mertu. Eccepew ukoll li fi kwalunkwe' kaz, it-twieqi ilhom miftuhin ghall' fuq minn hamsin (50) sena kif jixhed l-istat tal-proprjetajiet infishom b'dan li anke kieku l-atturi tassew kellhom xi jedd fuq l-art in mertu dan iddekada favur il-konvenuti bil-preskrizzjoni akkwisittiva.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

B'referenza ghal dawn it-talbiet u l-eccezzjonijiet, u kkunsidrati l-provi prodotti, huwa car ghal din il-Qorti li, ghajr ghal tieqa wahda kif jigi spjegat aktar l-isfel, l-kwistjoni kollha titratta, primarjament, it-titolu fuq porzjon zghira ta' art li jigi ezatt biswiet kamra tal-konvenuti – minnhom regolarment msejha "mandra".

Din l-istess porzjon art zghira, apparti li tmiss minn genb wiehed mal-mandra tal-konvenuti, tmiss minn quddiem mat-triq pubblika – Triq in-Nadur, Qala – u miz-zewg nahat l-ohra ma' proprjeta' konsiderevoli ossia raba' tal-atturi maghrufa bhala "Ta' Gebel Wieqaf".

M'hemmx kwistjonijiet dwar it-titolu ta' proprjetarji tal-partijiet fuq il-binjiet ezistenti u l-estent tar-raba' "Ta' Gebel Wieqaf" ghajr ghal din il-porzjon zghira li tirrizulta car mil-pjanta redatta mil-perit tekniku, il-Perit Edward Scerri, a fol 246 tal-process.

Fuq din il-pjanta, xhud ghan naha konvenuta, Frans Buttigieg – li huwa hu stess wiehed mil-konvenuti – immarka – bil-pinna blu – din il-porzjon art zghira b'mod car bl-ittri "CXYB".

Id-dimensjonijiet ta' din l-istess prozjon jirrizultaw mic-ciffri *typed* moghtija mil-perit tekniku nniffsu dakinhar li hejja l-pjanta bhala ta' 2.21 metri b'2.62m. L-istess prozjon art zghira tirrizulta wkoll mir-ritratt numru 19 u dawk numri 23 u 24 kif ukoll dak numru 25 rispettivament a fol 126, 128, u 129 tal-process – annessi ma' l-ewwel relazzjoni tal-perit tekniku Edward Scerri.

Qabel tibda sabiex tikkunsidra l-kwistjoni principali tat-talba ghall-gheluq tat-twieqi kif ukoll ghat-tnehhija tal-hatab mill-porzjon art zghira identifikata, din il-Qorti thoss in-necessita' li tghamel certi kjarifici.

It-talbiet atturi huma cari li jirreferu ghal-gheluq ta' zewg twieqi, mhux aktar. Madanakollu, tul il-gbir tax-xhieda li sehhet fuq medda ta' diversi snin, issemmew twieqi u aperturi addizzjonali. Dan allura iwassal ghan-necessita' li din il-Qorti tikkjarifika ghal liema aperturi jirreferu tassew it-talbiet.

Mir-ritratti ezebiti fl-atti, jirrizultaw diversi twieqi u aperturi. Bosta minn dawn qatt ma' ngibdet l-attenzjoni ghalihom u dan, la tal-Qorti u wisq anqas tal-perit tekniku u la tul l-andament tal-proceduri u anqas fid-diversi accessi li saru.

Fix-xhieda varja li ngabret tul il-proceduri, ssemmew konsistentement zewg twieqi, wahda taghti fuq il-porzjon art zghira in kontestazzjoni u

ohra taghti ghal wara, ghal fuq ir-raba' li m'hemmx kontestazzjoni li hija tal-atturi.

Madanakollu, issemmiet ukoll konsistentement apertura ohra li wkoll taghti ghal fuq il-porzjon art zghira in kontestazzjoni u li qieghda qrib l-art. Din l-apertura tidher fir-ritratti diga msemmija ossia, dawk numru 24 u 25 rispettivament a fol 128, u 129 tal-process u aktar tard, u b'mod anke aktar spjegattiv, f'relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku Edward Scerri a fol 994 sa 1021.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal-pjanta annessa mac-citazzjoni attrici – a fol 12 tal-process – fejn l-unika zewg twieqi ndikati hemmhekk huma fil-fatt wahda li tghati ghal fuq il-porzjon art zghira in kontestazzjoni u ohra li taghti ghal fuq wara, u allura, ghal fuq ir-raba' li huwa nkontestat bhala tal-atturi jew issa l-aventi causa taghhom.

Dan, pero', jintqal sempliciment ghal kwistjoni ta' kjarezza u kompletezza stante li kollox ser jiddependi mill-osservazzjonijiet u, finalment, mid-decizjonijiet li ser jittiehdu relattivament ghat-titolu fuq il-porzjon art zghira in kontestazzjoni kif ukoll ghat-trapass o meno taz-zmien tal-preskrizzjoni akkwisittiva.

B'dan allura, din il-Qorti sejra tibda sabiex l-ewwel tindaga l-provi mressqa quddiema dwar it-titolu tal-porzjon art zghira in kontestazzjoni.

L-atturi jinsistu li din il-prozjon art zghira dejjem iffurmat parti mill-porzjon ferm aktar konsiderevoli ta' raba' maghruf bhala "Ta' Gebel Wieqaf" li jigi wara din l-istess porzjon zghira u proprjetajiet diversi taz-zewg partijiet. Jinsistu wkoll li bhala tali, tul iz-zmien li fih ir-raba' "Ta' Gebel Wieqaf" kien qieghed jigi trasmess minn sid ghal sid, din il-porzjon art zghira kienet inkorporata f'dawk it-trasferiment li waqqfu maghhom b'dan li issa din hija taghhom daqs kemm hija taghhom il-porzjon akbar mhux ikkontestat.

L-atturi jziedu li tant dan huwa minnu li meta l-awturi tal-konvenuti akkwistaw il-proprjetajiet taghhom fl-inhawi, u senjatament il-maqjel li jmiss ma' din il-porzjon art zghira, tali porzjon art zghira ma' kienitx inkluza fid-deskrizzjoni tal-proprjeta' mibjugha u trasferita lill-awturi tal-konvenuti.

Il-konvenuti jiddefendu ghal dan mhux billi jghidu li hemm taghhom izda billi jghidu li l-atturi ghandhom l-ewwel u qabel kollox jippruvaw il-jedd – u allura t-titolu – taghhom fuq din il-porzjon art zghira. Iziedu mbaghad li f'kull kaz, anke jekk l-atturi jirnexxilhom jaghmlu din il-prova tapplika l-preskrizzjoni akkwisittiva.

***Titolu fuq il-porzjon art zghira in kontestazzjoni:***

Sabiex jippruvaw it-titolu taghhom fuq din il-porzjon art, l-atturi jressqu diversi xhieda kif ukoll diversi dokumenti.

Il-maggioranza tax-xhieda prodotti mill-atturi jghidu li din il-porzjon art dejjem kienet taghhom – l-atturi – tant li ghal-kumplament tar-raba' li m'huwiex ikkontestat bhala taghhom kienu jidhlu minn hemmhekk u anke rregistraw f'isimhom spiera li tinsab f'din l-istess porzjon art zghira.

Din il-pozizzjoni hija, izda, kontradetta bis-sahha mill-konvenuti u xhieda li jressqu huma li lkoll jghidu li dik il-porzjon art zghira ilha f'idejhom minn zmien l-antenati taghhom, ilhom jahznu l-hatab fiha ghomor, u – ghajr ghal xi terz permess jaghmel hekk minnhom – huma biss kienu jtellghu l-ilma mill-ispiera li tinsab fiha.

Hawnhekk din il-Qorti ghandha allura quddiemha kwistjoni tipika ta' divergenza fix-xhieda ghal-liema raguni sejra tirreferi ghal gurisprudenza.

Il-gurisprudenza nostrana hija ampja u konsistenti f'dan ir-rigward. Kif jinsab ritenut fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell moghtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et,***[85] meta si tratta ta' zewg verzjonijiet kontrastanti, il-kaz necessarjament jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija.

Bl-istess mod, fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak,***[86] gie ritenut:

[85] Appell Civili Numru. 152/1999/2.
[86] Citazzjoni Numru. 462/2002/1.

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

B'dan li l-Qorti ghandha tara jekk verzjoni wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq bilanc ta' probabilitajiet u b'hekk issib rifugju fir-regola *in dubio pro reo*.

Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, din il-Qorti tibda sabiex tosserva li ghalkemm hemm diskrepanza fix-xhieda migjuba minn kull naha, il-maggior parti tat-tali diskrepanzi huma accettabbli kunsiderat it-trapass taz-zmien u anke l-eta' ta' numru kbir mix-xhieda li tressqu quddiemha.

Madanakollu, li jispikka huwa li fil-punti krucjali, in-naha konvenuta kienet ferm aktar konsistenti fix-xhieda moghtija mill-konvenuti stess mentri n-naha attrici tidher tiddekadi f'dan is-sens.

Nghidu ahna, in-naha konvenuta nsistiet li l-porzjon art zghira in dizamina dejjem kienet maghluqha b'hitan li jiccirkondawha kompletament. B'dan li xhud minnhom – Grezzja Cini – tghid li l-hitan kienu jiffurmaw bhal kaxxa, xhud ohra – Lucia Mifsud – taghraf l-istess fir-ritratt numru 19 a fol 126 tal-process, xhud iehor – Frans Buttigieg – jinsisti fuq kif meta gew kuntratturi tal-Kunsill li kienu ser jibdlu l-pozizzjoni tal-hitan huwa mmedjatament waqqafhom. Ix-xhieda kollha tan-naha konvenuta huma wkoll konsistenti f'li jghidu dwar kif kienu jutilizzaw il-hitan u l-ispiera sabiex jaslu fuq il-bejt tal-mandra u l-forn biswietha. B'dan li din ix-xhieda taghhom hija korroborata minn xhieda ndipendenti mhux partijiet fil-kawza.

Minn naha l-ohra, in-naha attrici tonqos f'din il-konsistenza b'xhieda minnhom jiddeskrivu l-porzjon art zghira in mertu addirittura bhala passagg jew "zurzieqa" mentri ohrajn jghidu li kellek taqbez il-hajt sabiex

mid-dahla – il-porzjon art zghira in mertu – tasal ghar-raba' li mhuweix kontestat bhala taghhom. Oltre minn hekk, xhieda ndipendenti li ressqet in-naha attrici nfisha – bhal Ganna Mizzi u Joseph Mizzi – jikkonferma l-ezistenza ta' hitan madwar il-porzjon art zghira in mertu mentri xhieda ohra wkoll indipendenti – bhal Regina Bugeja u Mary Ros Tabone – jghidu li ma' jiftakrux jew ma' jafux b'hitan u x'passaggi kien hemm.

L-istess jinghad dwar l-ispiera ezistenti f'din il-porzjon art fejn, filwaqt li l-konvenuti u x-xhieda migjuba minnhom jibqghu konsistenti f'minn kien jutilizza din l-ispiera, dawk imressqa mill-atturi m'humiex tant konsistenti.

Dan ilkoll jirrizulta kjarament mix-xhieda sintesizzata hawn aktar 'il fuq.

Maghdud dan, din il-Qorti ghandha wkoll id-diversi dokumenti mressqa quddiemha mill-atturi sabiex tezamina.

Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li r-raba' "Ta' Gebel Wieqaf" wasal ghand l-awturi ta' l-atturi b'kuntratt tad-19 ta' Lulju, 1960 in atti Nutar Alexander Sciberras Trigona.

L-atturi jispjegaw kif waslu sa dak il-kuntratt inkluz billi jipprezentaw diversi dokumenti addizjonali konsistenti f'kuntratti ohra, testmenti, denunzji, u atti processwali gudizzjarji – *vide* dokumenti varji a fol 11, 59 sa 61, u 386 sa 479.

Minn dawn jirrizulta li art maghrufa b'diversi ismijiet inkluz "Ta' Gebel Wieqaf" kienet b'cens ghand familjari taghhom b'dan li finalment waslet ghand missier l-atturi originali Theresa, Consiglia, u Joseph ahwa Buttigieg, ossia, Michele sive Mikieli Buttigieg bl-att imsemmi tad-19 ta' Lulju, 1960 in atti Nutar Alexander Sciberras Trigona.

Id-diversi dokumenti ezebiti mill-atturi – mac-citazzjoni, kif ukoll mix-xhieda u a fol 387 sa 479 huma skarsi minn pjanti li jidentifikaw ezatt l-art akkwistata.

Din il-Qorti thoss li tista tistrieh fuq l-att li finalment wassal l-art maghrufa b'diversi ismijiet inkluz "Ta' Gebel Wieqaf" ghand l-atturi

prezenti ossia; dak tad-19 ta' Lulju, 1960 in atti Nutar Alexander Sciberras Trigona.

F'dan il-kuntratt, missier l-atturi originali – Michele sive Mikieli Buttigieg – jidher jakkwista mil-poter tal-vendituri Strickland *the field called "Ta' Gebel Wieqaf" in the limits of Qala, Gozo, measuring approximately One Tumolo and one mondello, and is bounded on the East by Nadur Road, on the West by property pertaining to Lorenzo Portelli, on the North by property pertaining to Nazzareno Buttigieg, and on the South by property pertaining to the purchaser*.

Dan l-att ma' jannettix pjanta li jindika l-estent tal-art mibjugha u mixtrija. Jaghti izda informazzjoni mportanti fis-sens tal-qies taghha billi jghidilna li l-awtur tal-atturi originali akkwista *One Tumolo and one mondello*.

*One Tumolo and one mondello* f'metri kwadri jwassal ghal 1,405 b'dan li tumolu – jew tomna – huwa ekwivalenti ghal 1,124 metri kwadri mentri mondello huwa ¼ ta' tumolu u allura 281 metri kwadri b'dan li *One Tumolo and one mondello* jghoddu allura 1,405 metri kwadri.

Dan il-qies superficjali jikkumpara b'mod tajjeb ma' dak mehud mil-perit tekniku u mnissel fil-pjanta ulterjuri tieghu ezebita a fol 246 tal-process li tindika il-qies superficjali tar-raba' mhux ikkontestat bhala tal-atturi bhala ta' 1,410 metri kwadri meta mnaqqsa minn tali art il-porzjon art zghira in disputa.

Huwa minnu li l-atturi jipprovdu pjanti addizzjoni – inkluz dawk a fol 12, 62, u 480 tal-process – li jinkorporaw il-porzjon art zghira in disputa mal-porzjon art akbar li m'hemmx kontestazjzoni li hija taghhom. Dawn izda huma pjanti li jirrizultaw mhejjija minnhom stess jew fuq direzzjoni taghhom minn persuni – inkluz periti – li ma' tawx xhieda.

Huwa minnu wkoll dak li jghidu l-atturi li fl-att ta' akkwist tal-mandra mill-konvenuti hemm imnissla biss *a room situated at Qala, Gozo, Nadur Road, numbered fifty-three (53)*.

Dan iwassal allura lill din il-Qorti sabiex anke abbazi tal-probabilita' biss tikkonkludi li l-atturi ma' rnexxilhomx jippruvaw li l-porzjon art zghira in disputa kienet kompriza mal-art akbar maghrufa wkoll bhala "Ta' Gebel Wieqaf" akkwistata minnhom. B'dan izda li f'din il-kawza ma'

saritx kontro-talba sabiex ikun jista jinghad jekk din l-art kienitx kompriza fix-xiri konkluz mill-konvenuti tal-mandra proprjeta' taghhom bil-konvenuti dejjem eccepew biss li l-atturi kellhom jippruvaw it-titolu pretiz minnhom.

B'hekk, isibu wkoll applikazzjoni l-principji tal-*actio rei vindicatoria* f'liema azzjoni jinkombi fuq l-attur li jipproponi l-azzjoni li jipprova b'mod konklussiv li l-proprjeta' immobbli li fuqha qieghed jippretendi xi dritt hija fil-fatt proprjeta' esklussiva tieghu, ad eskluzjoni tal-konvenut.

Oltre minn hekk, f'din it-tip ta' azzjoni, il-piz tal-prova anqas m'hu bhal f'azzjonijiet civili ohrajn ossia, fuq bilanc ta' probabilitajiet, izda l-oneru fuq l-attur huwa assolut. Fil-fatt, jekk il-konvenut jipprova titolu dan huwa ta' ostakolu ghall-azzjoni tal-attur izda, fin-nuqqas tal-konvenut li jipprova titolu ma' tissustiex awtomatikament it-tezi ta' l-attur.

Fuq dan, hemm skorta ta' kitbiet minn varji awturi kif ukoll decizjonijiet tal-Qrati nostrani.

In succinct, bizzejjed jinghad li l-awturi **Baudry Lacantinerie**, li kitbu fid-dettall fuq ir-rekwiziti tal-*actio rei vindicatoria*, jghidu, *inter alia*:

> *Le distinzioni seguenti permettono di classificare le soluzioni consecrate dalla giurisprudenza: (1) l-attore produce un titolo e il convenuto non lo produce; (2) l-attore ed il convenuto producono l'uno e l'altro un titolo, (3) nessuna delle parti in causa areca un titolo.*
>
> *Nella teoria si afferma volentieri, che il convenuto non deve preoccuparsi della prova, che il solo attore ne ha l'onore.*[87]

Fuq il-grad tal-prova li jrid iressaq f'dan is-sens l-attur, l-istess awturi jghidu:

> *Occorre ben inteso, che i titoli prodotti dall'attore siano abbastanza chiari e precizi, e il giudice ha piena liberta di eliminare come incomplete oscuri o*

[87] Trattato di Diritto Civile, Vol. VI, p. 190 – 192.

*dubbi, sovratutto se contengono dichiarazioni ambigue sulla designazione della cosa rivendicata.*[88]

Fid-decizjoni moghtija nhar it-28 ta' April, 2000 fl-imsijiet ***Pawlu Chricop et vs Rita Micallef et***,[89] inghad:

*L-azzjoni ta' din ix-xorta titlob minn min jipproponiha prova djabolika fis-sens li* ***l-attur ghandu jipprova lill hinn minn kull dubbju*** *li huwa l-proprjetarju ta' l-immobbli li qed jirrivednika. Minn naha tal-konvenut dan m'ghandux ghalfejn javvanza l-ebda difiza jew li jipprova xi titolu fuq l-art fil-pussess tieghu sakemm l-attur ma' jkunx ipprova li hu kien il-proprjetarju.* [Emfazi mizjuda]

B'mod simili, l-awtur **Pacifici Mazzoni** jfisser illi:

*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe dove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria… L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Dove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii: actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis….La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno*

[88] Trattato di Diritto Civile, Vol. VI, p. 190 – 192.
[89] Kollezz. Vol. LXXXIV-II-155.

*di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da Aubry e Rau, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta probatio diabolica. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole: 1.Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto…. 2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi […] 3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;…. Del resto la prova della proprieta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente dove trattisi di rivendicare un dominio antico. Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali.*[90]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji dottrinali, nsibu lill-Qrati tagħna jispjegaw illi:

*L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – 'melior est conditio possidentis'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-*

[90] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; Vol.III. Para. 131-134, p. 207 et seq.

*pussessur konvenut'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105)* […][91]

Hekk ukoll inghad illi:

*Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li l-konvenut ikun qed jippossediha.*

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu.*[92]

Abbazi ta' dawn il-principji dottrinali u l-gurisprudenza, u gialadarba jidher car mir-risposta guramentata u mix-xhieda migjuba li l-konvenuti m'eccepewx titolu ta' proprjeta', izda qalu biss li l-porzjon art in mertu dejjem kienet miftuha ghat-triq u sa minn zmien l-antenati taghhom kienet, baqghet, u ghadha tintuza minnhom ghal-hazna tal-hatab, u hija fil-fatt fil-pussess taghhom, din il-Qorti hija tal-fehma li d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika ma' gietx ippruvata mill-atturi fil-grad mehtieg tenut kont tat-talbiet taghhom u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Jinghad ulterjorment illi li l-porzjon art zghira in mertu tidher li ma' tiffurmax parti mill-art akbar akkwistata mill-atturi jemani wkoll mid-

[91] Ara wkoll 3 l-Appell Civili: Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg: 17.11.1958; Kollez.Vol.XLII.pt.I.p.575 u d-decizjoni moghtija nhar it- 3 ta' Gunju, 2014 fl-imsijiet William Portelli vs Peter Paul Portelli, Citazz. Nru. 49/1994/1.

[92] Ara d-decizjoni moghtija mil-Prim'Awla nhar is-16 ta' Mejju, 1963, fl-ismijiet Giuseppi Abela vs John Zammit.

diversi ritratti ezebiti in atti kif ukoll mix-xhieda moghtija relattivament ghal din l-istess prozjon art.

Minn dan jidher car ghal-Qorti li din il-porzjon art hija mdawra b'hitan minn kull naha ghajr il-lat tat-triq b'dan li burduranti r-raba' inkontestat bhala tal-atturi hemm zewg hitan tas-sejjiegh mentri burduranti l-mandra tal-konvenuti hemm il-hajt tal-istess mandra. Dan ukoll jindika li din l-istess prozjon art m'hijiex parti mir-raba' tal-atturi u l-aventi kawza taghhom. li l-istess hitan ats-sejjiegh li jifirdu dan il-porzjon art mir-raba' inkontestata bhala tla-atturi ilu hemm jixhdu l-perit tekniku li fl-access tal- 25 ta' Gunju, 2014 jiddikjara li dawn il-hitan jinkludu gebel kbir li dawn l-ahhar 50 sena ma' jsirx jekk mhux fuq ordni specifika. B'dan allura li l-gebel huwa antik. It-tqeghid tieghu hija xi haga ohra ghax jista jkun li l-gebel kien fl-inhawi u ngib aktar recentement. Izid izda li l-ewwel zewg saffi huma maghmulha b'gebel fuq xulxin li jiltaqa pjutost tajjeb.

L-atturi jittentaw ukoll jippruvaw titolu taghhom fuq din il-porzjon art zghira billi jipprovdu prova tar-registrazzjoni minnhom tal-ispiera hemm sitwata. Ix-xhud Avv. Dr. Andre Buttigieg f'isem l-Awtorita' ghar-Rizorsi kien car izda fuq dan il-punt. Spjega fil-fatt li tali applikazzjoni u konsegwenzjali registrazzjoni ma' jwasslu ghal ebda titolu stante wkoll li anqas tintalab prova ta' titolu jew issir xi ricerka meta jsiru izda dawn jigu arkivjati suggett ghal verifika jekk ikun il-kaz.

Maghdud dan, jibqa allura li jigu kkunsidrati t-twieqi oggett tal-kawza.

Kif spjegat aktar il-fuq, il-kwistjoni tat-twieqi hija vaga tenut kont li t-talbiet jirreferu ghal zewg twieqi mentri tul l-andament tal-kawza ssemmiet ukoll apertura ohra li hemm fuq il-genb tal-mandra tal-konvenuti li jaghti ghal fuq il-porzjon art zghira li giet diga kkunsidrata – din il-porzjon art sejra minn issa il-quddiem tissejjah l-ispazju tal-ispiera in linja ma' kif sejhula diversi xhieda tul l-andament tal-proceduri.

***Aperturi gol-mandra tal-konvenuti li jaghtu ghal fuq l-ispazju tal-ispiera:***

Dawn l-aperturi huma tnejn; wahda kjarament tieqa, b'vireg tal-hadid msallba gol-vojt taghha sabiex jipprojbixxu access minnha, u; ohra fil-baxx, qrib l-art tal-ispazju tal-ispiera.

Il-Qorti tibda sabiex tosserva li gjaladrba l-ispazju tal-ispiera m'huwiex meqjus bhala proprjeta' tal-atturi, fir-rigward taghhom jonqos allura l-*locus standi* ta' l-atturi sabiex jipprevalu f'din l-istanza.

Oltre minn dan, il-Qorti tqies ukoll il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku mahtur minnha, il-Perit Edward Scerri, partikolarment fir-relazzjoni ulterjuri tieghu a fol 994 sa 1021.

Din ir-relazzjoni turi b'mod car l-aperturi - ossia, tieqa u apertura ohra - fuq din in-naha tal-mandra tal-konvenuti fir-ritratti a fol 1014, 1015, 1016, 1017, 1018, 1019, 1020, u 1021 tal-process.

Dwar it-tieqa, jinghad li dawn ir-ritratti juru tieqa li anke ghal din il-Qorti hija kjarament vernikulari, kif del resto gie konkluz u dikjarat mil-perit tekniku kemm f'din ir-relazzjoni addizzjonali kif ukoll fl-eskussjoni tieghu. Il-perit tekniku jindika wkoll li din it-tieqa kellha 'il fuq minn 50 sena diga meta xehed in eskussjoni nhar is-6 ta' Frar, 2014. B'dan li, din il-kawza giet intavolata nhar it-8 ta' Gunju, 1999 li jfisser li anke jekk innaqqsu 15-il sena mill-50 sena li skond il-perit tekniku kellha din it-tieqa fl-2014 xorta thallina b'eta attribbwli ghat-tieqa ta' 35 sena. Dan minghajr ma' din il-Qorti tidhol fil-mertu li l-perit tekniku nsista li din it-tieqa, anke jekk mhux originarja ghal-hajt li tinsab fih u li jidher li huwa antik aktar minnha, xorta kellha 'il fuq – u mhux biss – 50 sena.

Ma' dan irid jigi maghdud ukoll il-konsistenza tax-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri dwar l-ezistenza ta' din it-tieqa sa minn meta taghti il-memorja lill-persuni li xehdu.

Huwa minnu li l-atturi jghidu ghal darba'tnejn li ghalkemm din it-tieqa kienet tezisti, meta akkwista l-mandra Angelo Buttigieg minghand l-antenati taghhom, dawn gieghluh jaghlaq din it-tieqa. Izda l-uniku att relattiv ghal dan Angelo Buttigieg li ngieb quddiem il-Qorti huwa testment tieghu fejn tissemma din il-mandra bhala *dar fil-Qala, Triq in-Nadur, numru tlieta u hamsin* – testment a fol 387 sa 389 tal-process.

B'dan li allura din il-Qorti hija sprovvista minn informazzjoni dwar x'aperturi kellha din id-dar u jekk kienx hemm minnhom li Angelo

Buttigieg gie mgieghel jaghlaq u, aktar importanti f'dak il-kaz; meta sehh dan l-gheluq.

Dwar l-apertura l-ohra fuq din in-naha tal-mandra tal-konvenuti, mill-istess ritratti diga msemmija kif annessi mar-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku, partikolarment min dawk a fol 1015, 1016, u 1017; din l-apertura anqas tirrizulta li hija tieqa tinfed minn barra ghal gewwa izda jidher aktar probabli li kienet dahla kif spjegat mill-konvenuta Rita Debono li xehdet li din hija hofra fejn kienu jsajru nies li ghixu fil-mandra fil-passat stante li l-mandra anqas kellha kcina.

Maghdud dan, il-perit tekniku hawnhekk ukoll jindika fir-relazzjoni tieghu li din l-apertura wisq probabli saret mal-bini originali tal-mandra stante li kieku kellu ssehh mod iehor kienet tikkomprometti l-istabbilita' tal-istruttura.

F'ebda mument tul l-andament tal-proceduri ma' gie allegat li din l-apertura xi darba nghalqet b'dan li mbaghad regghet infethet mill-konvenuti ad insaputa tal-atturi.

***Apertura fuq wara tal-mandra tal-konvenuti li tghati ghal fuq ir-raba' tal-atturi:***

Jibqa imbaghad l-apertura l-ohra li tinsab fuq wara tal-mandra tal-konvenuti. Il-partijiet hawnhekk jaqblu li din taghti ghal fuq ir-raba' tal-atturi, bil-konvenuti konsistentement jixhdu dan huma stess.

Din l-apertura tidher car mir-ritratt immarkat bhala dokument "G" u anness mac-citazzjoni a fol 15 kif ukoll minn dawk a fol 1006, 1007, 1008, 1009, 1010, u 1011 tar-relazzjoni ulterjuri tal-perit tekniku.

Il-konvenuti jinsistu li din it-tieqa ilha hemm ghomorhom mentri l-atturi jghidu mod iehor u li skoprew biss l-ezistenza taghha meta nqatgha xi pall tal-bajtar.

Il-Qorti hawnhekk mhijiex ser taghmel osservazzjonijiet taghha izda sejra tistrieh fuq dawk teknici dikjarati mil-perit tekniku specifikatament a fol 997 tar-relazzjoni ulterjuri tieghu.

Hawnhekk, il-perit tekniku jiddikjara minghajr tlaqliq li din l-apertura hija tal-istess ghamla u zmien ta' dik aktar fl-gholi fuq il-genb tal-mandra – infatti bhala, din ukoll ghandha l-vireg tal-hadid msallba gol-vojt taghha sabiex jipprojbixxu access minnha.

Jiddikjara wkoll li din l-apertura jew inbniet fl-istess zmien bhal l-ohra simili taghha fuq il-genb tal-mandra, b'dan li meta nbniet il-kamra li qieghda ezatt quddiemha u maghha thalla spazju sabiex din ma' tinghalaqx jew, altrimenti, giet miftuha meta nbniet l-istess kamra li tinsab quddiemha.

Il-Qorti kellha cans taccedi u tara u tikkonstatata hija stess dak dikjarat mil-perit tekniku u ma' jirrizultalha ebda raguni gravi sabiex tiddipartixxi mil-konkluzjonijiet tieghu.

Mill-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u dawk li ghamlet il-Qorti nfisha jirrizulta li l-hajt tal-kamra quddiem din it-tieqa thalla angulat sabiex din it-tieqa ma' tinghalaqx.

Tenut kont li l-kamra li tigi quddiem din it-tieqa tifforma parti mill-proprjeta' numru 51/52, Triq in-Nadur, Qala, li hija wkoll tal-konvenuti, liema kamra, kif dikjarat mill-atturi nfishom giet liberata favur il-konvenuti fis-7 ta' Ottubru, 1949 – ref dokument "C" mac-citazzjoni a fol 11 tal-process – din l-apertura zgur li kellha 'il fuq minn 30 sena meta nbdiet din il-kawza u anke minn dakinhar li saret l-ittra ufficjali tal-atturi kontra l-konvenuti fis-7 ta' Mejju, 1999.[93]

***Il-preskrizzjoni akkwisittiva ta' tletin sena:***

Rigward il-preskrizzjoni, servitu' ta' twieqi hija, ai termini tal-artikoli 454 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, servitu' li tidher, kontinwa u affermattiva. B'dan li, tali servitu' tista tigi kostitwita bil-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 457, 462, u 463 tal-Kap. 16.

Is-subincizi rilevanti tal-Artikolu 462 jipprovdu li:

> **462.** *(1) Sabiex tinkiseb servitù bil-preskrizzjoni, hu meħtieġ il-pussess għal żmien ta' mhux anqas minn tletin sena.*

[93] Kopja tal-ittra ufficjali tinsab in atti a fol 576.

*[…]*
*(3) Fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, il-persuna li teċċepixxi l-preskrizzjoni mhix obbligata turi titolu, u ma tista' tingħata kontra tagħha ebda eċċezzjoni ta' mala fidi.*

Dak rilevanti tal-Artikolu 463 jghid li:

**463.** *(1) Fil-każ ta' servitujiet affermattivi, il-pussess li jiswa għall-preskrizzjoni jibda minn dak in-nhar li s-sid tal-fond dominanti jkun beda jinqeda bis-servitù.*

Huwa risaput u konsistentement konfermat fil-gurisprudenza nostrana li l-preskrizzjoni ta' tletin sena ma' tirrikjedi la titolu u lanqas il-*buona fede*. Din tirrikjedi biss pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u dan ghaz-zmien ta' tletin sena.[94]

Il-pussess tal-proprjetajiet bl-aperturi taht skrutinju da parti tal-konvenuti ma' jistax jinghad li mhuwiex u ma' kienx tul hajjithom kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.

Dan partikolarment meta l-konvenuti u l-awturi taghhom ilhom ghomor furnara bil-pussess taghhom u l-uzu minnhom tal-proprjetajiet in kwistjoni li jinkludu wkoll forn huwa anke aktar pubbliku milli normalment ikun pusess ta dar ta' abitazzjoni fejn sid l-istess forsi tarah biss diehel jew hiereg jew f'xi tieqa. Hawnhekk, il-konvenuti u l-awturi taghhom huma maghrufa bhala furnara u jahznu l-hatab fuq barra tal-proprjetajiet taghhom b'dan li l-forn jibda jithaddem minn sbieh l-ghodwa u jibqa ghaddej tul il-gurnata.

Dan jixhduh huma stess izda huwa wkoll konfermat minn varji xhieda ndipendenti li fi tfulithom kibru fit-triq mal-konvenuti, xtraw hobz u prodotti ohra minghandhom, u laghbu maghhom inkluz f'dawn l-inhawi. B'dan li dawn il-persuni llum huma lkoll ta'l fuq minn 50 sena.

Dan huwa wkoll ikkonfermat mid-dokumenti nkluz atti gudizzjarji in atti ta' dan il-process.

---

[94] Ara, *inter alia*, id-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Marzu, 1957 fl-ismijiet ***Borg vs Farrugia nomine et***; Vol. XL1. 1.168 kif ukoll dik moghtija mil-Qortit al-Appell nhar il-31 ta' Mejju, 1996 fl-ismijiet ***Chetcuti et vs Xerri***, ukoll dik moghtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' April, 2002 fl-ismijiet ***Avukat Dottor Louis, Arthur et vs Joseph Gatt et***, Citazz Nru. 1219/91 DS.

B'dan izda li din il-kunsiderazzjoni tapplika biss ghat-tieqa li hemm fuq wara fil-mandra tal-konvenuti u li mhux kontestat li taghti ghal fuq ir-raba' tal-atturi stante li, dwar l-aperturi l-ohra fil-genb tal-mandra u li jaghtu ghal fuq l-ispazju tal-ispiera, ma' ngiebitx prova konvincenti ghal din il-Qorti li dawn jaghtu ghal fuq proprjeta' tal-atturi.

It-trapass ta' zmien 30 sena fuq din it-tieqa kif ukoll fuq il-pussess taghha mil-konvenuti jirrizulta car mil-fatt li:

i. il-mandra numru 53 inxtrat u giet fil-pussess tal-konvenuti fl-14 ta' Dicembru, 1949 bis-sahha tal-kuntratt ta' kompravendita' in atti Nutar Francesco Refalo – a fol 9 sa 11;
ii. kif iddikjara l-perit tekniku din it-tieqa jew nbniet fl-istess zmien li nbniet l-ohra li hemm fil-genb tal-mandra jew, jekk saret meta sar il-bini ta' quddiemha zgur ghandha 'l fuq minn 50 sena tenut kont tal-mod li bih nbniet u ta' kif inhu maqtugh il-gebel li jifforma l-koxox taghha.

B'dan allura li 30 sena ghaddew kemm mill-akkwist tal-mandra mill-konvenuti kif ukoll minn fuq il-pussess taghhom ta' din it-tieqa.

*Rigward hatab u mwiezeb:*

It-talba ghat-tnehhija tal-hatab mill-ispazju tal-ispiera hija suggetta ghall-istess kunsiderazzjonijiet ta' titolu ghall-istess spazju tal-ispiera maghmulha fil-konfront tal-aperturi li jaghtu ghal fuqu. B'dan li, allura, ladarba l-atturi ma' rnexxilhomx jippruvaw it-titolu taghhom fuq dan l-ispazju, ma' tregiex it-talba taghhom sabiex il-konvenuti jigu ordnati jizgumbraw mill-istess spazju stante l-karenza ta' interess guridiku.

Rigward iz-zewg imwiezeb li ssemmew tul il-proceduri, b'wiehed jaghti ghal fuq l-ispazju tal-ispiera u iehor ghal fuq ir-raba' tal-atturi, ma' saret ebda talba specifika ghat-tnehhija ta' dawn l-imwiezeb.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti tichad it-talbiet atturi.

Bl-ispejjez ta din il-kawza a karigu ta' l-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur